Newspaper Post

# Żminijietna

www.zminijietna.org

Vol.5 Nru. 7 Lulju - Settembru 2010 40c

## Intervista ma' Dr Joseph Muscat



*Vera hawn klassijiet differenti, imma l-isfidi li qed jiffaċċjaw dawn il-klassijiet differenti aktar milli jifirduhom, qed jgħaqqduhom, jew aħjar hemm il-potenzjal li jgħaqqduhom. Ngħidu aħna, li l-isfidi li qed tiffaċċja l-klassi tal-ħaddiema u dik tan-nofs li ħarġet minn dik tal-ħaddiema llum huma l-istess*.

Hekk qal il-mexxej tal-Partit Laburista, Dr Joseph Muscat f'intervista esklussiva ma' Michael Grech għal Żminijietna, li tidher fil-paġni 4 u 5 ta' din il-ħarġa.

### *Awsteritá bil-moħbi*

# Piżijiet li qegħdin ifaqqru lill-poplu

Gvern wara l-ieħor fl-Unjoni Ewropea qiegħed iħabbar miżuri ta' awsteritá bit-tama li joħorġu lill-pajjiżi mill-kriżi ekonomika maħluqa mill-ekonomija neo-liberali tas-suq ħieles. Il-gvern Malti għadu ma ħabbarx programm ta' awsteritá. S'issa ma kellux bżonn joħroġ fil-beraħ għax il-miżuri ħarxa fuq dahar il-ħaddiema ilu jdaħħalhom "bil-moħbi".

Il-gvernijiet li ħabbru l-programmi ta' awsteritá saħqu li l-miżuri kienu se jolqtu lil kulħadd mill-kbir sażżgħir, li l-piż se jinqasam fuq kulħadd. Bħas-soltu dan il-kliem huwa qerq. Il-formula li qegħdin jużaw mhi xejn għajr aktar tgħakkis l-isfel tal-klassi tal-ħaddiema, tal-pensjonanti u ta' dawk l-aktar fil-bżonn.

Fost il-gvernijiet li ħabbru dawn il-programmi hemm ir-Renju Unit, il-Greċja, l-Italja, Franza, l-Ġermanja, l-Portugall, Spanja, l-Irlanda u oħrajn.

Il-bażi ewlenija ta' dawn il-programmi huwa l-qtugħ ta' l-infieq mill-istat. Dan il-qtugħ se jaffettwa servizzi essenzjali bħall-edukazzjoni, s-sigurtá soċjali, is-servizzi tas-saħħa, l-pensjonijiet u l-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema. Qegħdin jgħollu wkoll it-taxxa VAT, dik it-taxxa rigressiva li tolqot l-aktar lill-klassijiet "baxxi", jiġifieri lill-ħaddiema, l-pensjonanti u dawk bla xogħol.

Qegħdin jgħidu li wasal iż-żmien li l-impjegati tal-gvern jagħmlu s-sagrifiċċji u għalhekk qegħdin jiffriżawlhom il-pagi, jnaqqsulhom il-pensjoni u jagħmlulhom ħafna restrizzjonijiet. Pass ieħor huwa li se jgħollu l-etá tal-pensjoni u jridu li din tkun 70 sena.

Li mhux jammettu huwa li din il-kriżi hija riżultat ta' l-aġir tagħhom meta ħaddnu bla kundizzjoni l-politika ekonomika neo-liberali tas-suq ħieles. Meta iddejnu bla rażan u mxew ma' dak li kien qal Membru Parlamentari ewlieni Nazzjonalista fil-parlament li "ma jimportax li l-pajjiż jiddejjen għax id-dejn iħallsuh uliedna"

Waqt li qegħdin jipprovaw jiġġustifikaw dan il-miżuri feroċi, mhumiex jgħidu li dawn se jwasslu biex mijiet ta' eluf ta' ħaddiema ta' l-istat se jitilfu l-impjieg. Li mijiet ta' eluf ta' ħaddiema fl-intrapriża privata li kienet tipprovdi xi servizz lill-istat u li issa l-gvernijiet mhux se jħallsu għal aktar proġett, wkoll se jispiċċaw bla xogħol.

Qegħdin jgħidu issa li b'dawn il-piżijiet se jnaqqsu d-defiċit u se jnaqqsu d-dejn enormi li l-pajjiżi għamlu tul is-snin Il-fatt huwa li l-gvernijiet qegħdin jieħdu din l-opportunitá u jużawha bħala skuża biex ixejjnu l-kisbiet li l-ħaddiem għamel tul snin twal ta' taqtiegħa, biex iżarmaw il-Welfare State u jrażżnu lit-trejd unjins.

Hawnhekk il-gvern Nazzjonalista għandu jtambar li m'hawnx kriżi u għalhekk għadu ma ħabbarx uffiċjalment programm ta' awsteritá kif kellhom jagħmlu l-gvernijiet l-oħra. Imma l-poplu kollu jaf li l-awsteritá ilu jipprattikaha dan il-gvern. Ilu jdaħħal miżuri li huma ta' piż enormi fuq il-ħaddiema, l-pensjonanti u l-foqra.

Wettaq politika msejsa fuq l-ideoloġija tal-lemin, tan-neo-liberali li tgħid li l-istat m'għandu jindaħal fl-ebda parti ta' l-ekonomija, li kollox - anke l-aktar servizzi essenzjali - jingħata lill-privat, li l-vantaġġi ta' l-għonja ma jittiefsux, li l-unjins jżarmawhom u jirrenduhom bla ebda setgħa u li l-piż kollu jinġarr minn "t'isfel".

U r-riżultat jidher meta naraw l-istħarriġ mill-Ewrobarometru ta' l-Unjoni Ewropea jgħidilna li Malta ftaqret, li 13 fil-mija tal-poplu ma jistgħux ilaħħqu mal-kontijiet tad-dar u tad-dejn u li 41 fil-mija jbatu biex ilaħħqu mal-ħajja.

Il-gvern Nazzjonalista ta kollox lill-privat, biegħ il-"ġojjelli tal-familja" suppost biex iħallas id-dejn nazzjonali. Li ġara huwa li l-flus mill-privatizzazzjoni tberbqu, id-dejn baqa' jiżdied b'rata allarmanti.

Għalhekk għadu qiegħed jipprova jkompli jisloħ lill-ħaddiema u lill-pensjonanti - kif qegħdin naraw bil-kontijiet għall-ilma u d-dawl - qiegħed inaqqas is-servizzi soċjali li l-poplu huwa tant kburi bihom għax kisibhom bis-sagrifiċċji.

L-uniku leħen kontra din il-qagħda ta' faqar s'issa kien tal-General Workers Union u l-ForUM, li jistħoqqilhom appoġġ minn kulħadd biex forsi jitreġġa' lura dan l-assalt fuq l-għixien tal-poplu.

## TFAL MISRUQA:

Dan hu rumanz bil-Malti miktub minn Marie Anne Zammit u li jitratta r-realtá ta' tfal li qegħdin jiġu maħtufa, abbużati sesswalment u wżati għal pornografija fuq l-*internet*. L-istorja tibda b'deskrizzjoni ta' dak li tgħaddi minnu Melinda, tifla ta' sitt snin li tiġi maħtufa, abbużata sesswalment u maqtula.

Ħadd ma jkun jaf x'sar minnha u tkun bl-għajnuna ta' Chantal, psikologa li taħdem mal-pulizija li jirnexxielha tikxef il-veritá moħbija wara l-mewt ta' Melinda. L-istess spirtu ta' Melinda jieħu pussess ta' tifla oħra, Annabella u permezz tagħha, nsiru nafu minn dak li għaddiet minnu Melinda, inkluż abbuż sesswali u lok għal pornografija fuq l-internet. L-ispirtu ta' Melinda jwassal biex jinstab il-katavru tagħha u jiġi skopert ukoll li tteħdulha ukoll l-organi minn ġisimha.

Minn hemm, il-psikologa Chantal tidħol f'kobbla mħabbla fejn tinduna li daħlet f'roqgħa perikoluża fejn l-awtur ta' dan kollu hu ħafna viċin tagħha u ħajjitha tinsab mheddha kif ukoll il-karriera tagħha. X' ser jiġri? Min jgħinha toħroġ minn dan kollu?

Huwa kkalkulat li madwar 400,000 tifel u tifla madwar id-dinja qegħdin jiġu traffikati wżati għas-sess u mbagħad l-imaġini ċċirkulati fuq l-*internet*. Dawn l-imaġini jiġu forma ta' settijiet u jinkludu stampi ta' tfal bejn 3 u 6 snin u 6 snin sa 12 il-sena. L-*internet* jagħmilha aktar faċli għal dawk li persuni li jridu jfittxu imaġini ta' pornografija. Persuna li trid issib materjal pornografiku b' imaġini tat-tfal, jew *chatting* ma' l-istess tfal ma jkollux bżonn imur ifittex fejn l-iskejjel jew lejn xi park.

L-internet jagħti ċans lill-individwu biex ifittex u ma jikxifx l-identitá tiegħu mill-ewwel.

Min ifittex dawn l-imaġini jħossu aktar komdu li qed jifforma parti minn kommunitá fejn anke min hu pedofilu iħossu parti minn dan il-grupp u jkompli jinforza l-ħsieb li l-pornografija hija aċċetabbli.

F' Malta, dan hu reat kriminali u l-każijiet jiġu investigati mis-*Cyber Crime Unit,* fil-Korp tal-Pulizija.

Nhar id-29 ta' Marzu 2010, il-Kummissjoni Ewropeja ħeġġet lil membri ta' l-Unjoni Ewropea biex isaħħu l-programmi ta' infiltrar kontra l-pornografija tat-tfal. Ukoll, biex iħarrxu l-pieni fuq dawk li jinqabdu jabbużaw mit-tfal, u jnizżlu l-imaġini, kif ukoll traffikar tat-tfal, kemm jekk iwettqu r-reat għall-ewwel darba u kemm jekk huma repettitivi.

Jibqa' l-fatt li kull imaġini li titla' fuq l-*internet* ifisser li tifla jew tifel ġew abbużati sesswalment biex jiġu prodotti dawn l-imaġini.

Huwa ktieb iebes li jitfa' dawl fuq problemi li qegħda tikber kuljum, problema li qegħda tħassar it-tfulija ta' ħafna tfal u taffettwahom tul ħajjithom kollha. Delitt oxxen li għandu jkexkex lil kulħadd u jixpruna kruċjata kontra dawn il-kriminali.




▶ ***Il-ktieb ta' Marie Anne Zammit "Tfal Misruqa"***

### *Ġewwa ...*

**Diskussjoni: il-Futur tas-Saħħa**
**Kitbiet minn ...**
**Evarist Bartolo MP**
**Michael Briguglio**
**David Pisani**
**A. Pert**
**Lino Vella**

## L-Unjoni Ewropea u l-Futur tas-Soċjaliżmu

minn **Lino Vella**

Bil-kollass tas-Soċjaliżmu fl-Ewropa, il-kontinent tagħna issa huwa ddominat mill-Istituzzjoni ta' l-Unjoni Ewropea. L-evoluzzjoni tagħha u l-impatti tagħha huma ta' mportanza vitali għall-klassi ta' ħaddiema ta' dan il-kontinent li kull ma jmur qed isib faqar dejjem jiżdied, żmantellar tad-drittijiet tal-ħaddiema u ħsarat ambjentali kbar.

Kitba fil-bidu tas-seklu ta' qabel minn Lenin fejn qal li l-islogan ta' "l-Istati Uniti ta' l-Ewropa" kien jew ħaġa mpossibbli jew reazzjonarja. Kif qed taraw l-proċess tat-tkabbir li qiegħed iseħħ fi ħdan l-UE, huwa ovvju li dan mhux xi ħaġa mpossibbli - iżda dan għandu element reazzjonarju. L-istess il-munita waħda Ewropeja ser twassal għall-kollass Ewropej, issa li kull pajjiż tilef sovranita totali fuq il-finanzi tiegħu. Miżuri ta' awsterita huma biss biex isaħħu l-kapitaliżmu Ewropew għas-skapitu tal-ħaddiema. F'Malta l-klassi tal-ħaddiema diġa ġarrbet l-ikrah ta' dawn il-miżuri, fejn ġew żmantellati servizzi pubbliċi, xogħol prekarju, pagi baxxi u bejgħ ta' artijiet u portijiet pubbliċi lill-privat.

Kull strateġija għall-UE bbażata fuq l-illużjoni li tista tiġi ddemokratizzata jew li n-natura fundamentali tagħha tista' tiġi mibdula tinjora r-realtà vera li l-UE hija forma supranazzjonali tal-kapitaliżmu selvaġġ, mfassla biex jippermettu l-libertà massima tal-kapital filwaqt li jirrestringu drittijiet tal-ħaddiema. Dan jidher espress u ċar fil-ħolqien ta' xogħol prekarju, bl-introduzzjoni ta' 'services directive' li żmantellat id-dritt tal-ftehim kollettiv u ħolqot *dumping* soċjali.

F'ċertu sens, l-UE hija l-applikazzjoni lokalment tal-globalizzazzjoni ta' l-ekonomija internazzjonali, bil-libertà relattiva ta' moviment tal-kapital madwar id-dinja. Dan jippermetti t-tħassib monopolistiku li jkollna taqsima waħda tal-ħaddiema kontra l-ieħor; għeluq ta' impjant minn pajjiż wieħed, filwaqt li tespandi l-impjant simili (bil-pagi aktar baxxi) f'pajjiż ieħor. L-operaturi jfittxu biss il-massimizzazzjoni tal-profitti sabiex jitnaqqsu l-ispejjeż tax-xogħol.

L-UE sservi wkoll għan ieħor internazzjonali. It-telf ta' imperi diretti u l-poter ta' sfruttament; ġab tama ġdida f'ċertu pajjiżi Ewropej bħal Ingilterra, Ġermanja u Franza li jerġa jitqajjmu l-fortuni tagħhom billi jiġbru flimkien ir-riżorsi, u għalhekk jerġgħu jimponu mill-ġdid kundizzjonijiet ġodda fuq il-pajjiżi tat-Tielet Dinja u pajjiżi għarab oħra, li sa llum kienu qed jgawdu xi tip ta' dipendenza, bħalma qed jiġri fl-Iraq u l-Ethopia, bit-teħid ta' risorżi, aktar ġlied bejn il-poplu u *dumping* ta' skart tossiku f'dawn il-pajjiżi.

Il-punti ewlenin dwar l-Istat Supra Ewropej huma, minn naħa; nuqqas fundamentali ta' demokrazija. Ma jistax ikun hemm Soċjaliżmu fl-Ewropa sakemm il-blokk qawwi ta' l-Unjoni Ewropea bħala strument tal-kapitaliżmu jiġi mwarrab.

Kontrolli u r-restrizzjonijiet tal-libertà ta' kapital huma essenzjali jekk irridu nipproteġu n-nies tax-xogħol biex idawwru r-riżors maħluq tagħhom mix-xogħol – ' l bogħod minn soċjetá miġnuna ta' kkonsmar bla rażan għal aktar profitti, ta' proċess li hu finalment ambjentalment insostenibbli sabiex jintlaħqu l-bżonnijiet soċjali u ekonomiċi tal-ħaddiema u familji tagħhom fl-Ewropa. F'dan is-sens għandna nagħtu l-appoġġ għall-Ewropa Soċjali tal-popli, hu kontra Ewropa tal-kapitalisti.

## 'The American Dream'….Think Again!!!

***Sam Camilleri, (Ontario, Canada)***

Consider the following facts about the USA. Facts that paint a strikingly different portrait of American life than the Hollywood images we regularly see in American movies and television shows.

Although the USA is among the richest countries in the world, it ranks among the lowest in industrialised world in almost every international measure of social standards.

The gap between the rich and the poor is far more dramatic in the US than in European countries.

The poverty rate in the US is roughly three times that of the major European countries, and despite a high per capita income, something like 14% of the American population has an income below the poverty rate. The poverty rate for the most vulnerable group; children in single parent families; is 10 times higher than Sweden.

The US has a much worse record on infant mortality; a key measure of public health than the major European countries. It ranks 22nd in the world.

The average literacy and innumeracy rate in the US ranks about 20th in the world, and ranks 20th also in the ratio of children to teachers in its schools behind Libya, Lebanon and Cuba.

More than 70 nations provide medical care and financial assistance to all pregnant women. The US, along with South Africa does not.

More than 60 nations provide medical care to all workers and their dependents. The US, along with South Africa, does not.

Although Americans spend more per capita on health care than any people in the industrialised world, more than 46million Americans, till today have no health insurance coverage and an additional 45 million have such inadequate coverage that, serious illness would lead to financial ruin. *(Only until recently, 'against massive opposition' they are going to have some kind of health insurance and coverage.)*

A 1990 study in the New England Journal of medicine showed that, black men in Harlem are less likely to reach the age of 65 than men in Bangladesh. More than 100 Nations provide paid maternity leave for working mothers the US does not even provide unpaid maternity leave.

While the major European countries offer day care facilities for all children aged 3 and over, the US offers virtually no public child care facilities.

The notion of the US as a land of opportunity is heavily misleading as there is significantly less upward mobility in the US than in the major European countries.

For Europeans, who have become accustomed to extensive social welfare programmes; the US model has little appeal. "They certainly do not want to go the way of the US."

America is a very conformist country, and people think they have all kind of choices, sure they have 30 flavours of ice cream, but there are only two political parties, and they are too much alike. "Americans don't really have any choices."

# Individwal (ego) iżmu

minn **A. Pert**

Għal aktar minn tliet kwarti tas-seklu għoxrin, il-popli evolvew fuq żewġ sistemi ewlenin ta' tmexxija ekonomika. Il-pajjiżi tal-punent tmexxew ġeneralment bis-sistema kapitalista. Ta' Lvant għażlu sistema komunista.

Bla ma nidħlu f'polemiċi idejoloġiċi, ejja naraw x`ħa l-ġeneru uman mill-prattika taż-żewġ sistemi, f'dik l-epoka ta' avvanzi kbar teknoloġiċi. Nibdew bl-istat ta' fatt innegabbli li fi spazju ta' ftit snin, iż-żewġ sistemi fallew wara xulxin milli jilħqu l-miri tagħhom.

Is-sistemi fallew ħtija ta' l-element uman ta' l-individwaliżmu jew egoiżmu, u tort ta' l-element tekniku marbut mat-tejoriji/idejoloġiji. Kien strumentali wkoll in-nuqqas kbir ta' dixxiplina u edukazzjoni ġenwina, li nawwar l-ispirtu tas-sistemi. La m'għandhiex spazju għal elementi l-oħra, tajjeb li nispeċifikaw l-element individwalista li għarraq l-għan prinċipali taż-żewġ sistemi li jkattru l-ġid komuni. L-individwaliżmu kien trattat b`mod differenti mis-sistemi, u ħalla konsegwenzi ekonomiċi jixtiebħu, imma soċjalment opposti.

Is-sistema komunista fissdet lill-ħaddiem fuq ix-xogħol b`mod li pprefera l-ħajja ħafifa tal-fsied, milli jagħti sehmu sħiħ għall-ġid komuni li jsaħħaħ il-welfare state għal kulħadd, u jtejjeb il-ħajja tal-familji kollha. Uħud kienu kuntenti li ta' dak ix-xogħol minimu, l-ħlas ikun baxx u l-istat jipprovdilhom il-bżonnijiet bażiċi kollha għall-familja.

Oħrajn riedu jakkwistaw iżjed bi privileġġi personali, a skapitu tal-kumplament. F'dik l-atmosfera ndix-xiplinata, ħadd jew ftit wisq kienu ħerqana li jaħdmu ġenwinament għall-kawża oriġinali komunista.

Madankollu ċ-ċittadini kellhom is-servizzi bażiċi kollha, fosthom is-servizz tas-saħħa ta' l-ogħla kwalitá, housing u edukazzjoni għal kulħadd. Imma l-istat ma setax ikompli jtejjeb il-kwalitá tal-ħajja tal-poplu bis-sehem minimu tal-kotra mfissda, u bl-inkwiet ta' dawk egoisti fi ħsiebhom biss fil-privileġġi. Il-propaganda barranija ħadmet bis-sħiħ fuq dan in-nuqqas, u l-istrateġisti tal-lemin żammew theddida militari kontinwa, li żiedet tixrob ir-riżorsi li l-istat kien pjanat li jindirizza soċjalment.

Il-kapitaliżmu fissed lin-nies tal-kapital u assenja x-xogħol iebes u nstabbli għall-ħaddiem. Bis-suq assolutament ħieles, is-sid, merkant u bankier, ħadu kunfidenza li, b`sogri diżastrużi għall-ġid nazzjonali, spiss kisru regoli kummerċjali vilment f`wiċċ il-gvernijiet neo-liberali, li qablu ma' dak il-libertinaġġ ta' l-elit tal-flus. Lill-ħaddiema s-sistema rriservatilhom rwol li jaħdmu bla nifs biex jitfgħu flushom fil-garzelli mtaqbin tal-banek/aġenziji, propjetá, utilitajiet, u divertiment, li jifformaw *'roulette'* imdawwar mill-interessi ndividwali tan-nies tal-flus.

Webbluhom jisselfu ħafna iżjed milli qatt setgħu jaqilgħu mix-xogħol bla mistrieħ matul ħajjithom. Il-banek silfu bl-addoċċ, bla garanziji u kontra kull etika. Għamlu tajjeb għal somom ferm ogħla mil-limiti tas-sigurtá rikjesta mir-regoli nternazzjonali. Intlew b'dak id-dejn li kienu jafu li ma setax jiġi rkuprat. Bdew ibiegħuh lil xulxin, biex fil-kotba wrew tkabbir ta' assi, li fil-fatt ma kellhomx valur ta' xejn. Dik ir-regħba ndixxiplinata falliet uħud mill-aktar banek rinomati ta' l-imperi kapitalisti.

Ta' min jiċċara li gvernijiet ta' stati paralizzati b'dik id-disfatta fatali, ppumpjaw eluf ta' biljuni ta' dollari biex salvaw ħafna banek u lis-sistema finanzjarja, mill-falliment totali. Allura n-nies tal-flus li nvestew fil-banek, tilfu relattivament ftit li xejn. It-telf tal-banek batewh bl-aktar mod kiefer iċ-ċittadini li tilfu l-propjetá li ssellfu għaliha u li laħħqu ħallsu fuqha, u li mit-taxxi tagħhom għad iridu jitħallsu lura dawk il-biljuni li nħarġu għas-salvazzjoni tas-sistema.

Li 'l hinn mill-kumplikazzjonijiet tejoretiċi u filosofiċi, rajna kif fin-nuqqas tad-dixxiplina u edukazzjoni ġenwina, l-individwaliżu kellu sehem kruċjali oppost fil-falliment taż-żewġ sistemi.

L-individwaliżmu sab qiegħa fertili fil-kapitaliżmu biex b`libertinaġġ ik-kapparra s-sistema bid-danni kollha li dan dejjem ġab, waqt li fil-politika komunista ra deżert xott qoxqox u ħalla n-natura ndixxiplinata tittantah jaħtaf għalih, l-oasi komuni tas-soċjetá. Sakemm b`mod edukattiv altruista, istat jasal għat-trażżin ripulsiv tal-għelt naturali tal-individwaliżmu, ebda teorija jew reviżjoni tagħha ma tiffunzjona b`mod li tkun realizzata verżjoni idejoloġika soċio-ekonomika favur il-maġġoranza.


## ABBONAMENT GAZZETTA ŻMINIJIETNA

*ISEM*____________________________

*INDIRIZZ*____________________________

*KODIĊI POSTALI*________________________

*Email*____________________________

*Ghal sena (5euro)* *Sentejn (10euro)*

**Ibaghtuha f'dan l-indirizz: Żminijietna, c/o 14/8, Vincenti Bldgs, Triq id-Dejqa, Valletta. VLT1432.**

Editorjal

## Ix- Xellug u l-Ħodor javvanzaw

F'elezzjonijiet li seħħew dan l-aħħar f'diversi pajjiżi Ewropej partiti tax-Xellug magħqud u tal-Ħodor għamlu rebħiet importanti, rebħiet li jkomplu jxejnu l-għajta tant imxerrda mill-midja kapitalista li s-soċjaliżmu miet u li l-ideoloġiji m'hawnx aktar lokhom.

Hemm lista twila ta' rebħiet mix-Xellug u l-Ħodor. Fost l-aktar important kien hemm l-elezzjoni f'wieħed mill-istati (Lande) l-iktar importanti tal-Ġermanja, Norhein-Westfalen. Dan l-istat kien imexxi għal 30 sena mill-Partit Soċjal Demokratiku (SDP) imma fl-2005 rebaħ il-lemin b'koalizzjoni bejn is-CDU u l-FDP. Issa rebaħ l-SDP imma l-Partit Die Linke (ix-Xellug) mar tajjeb u issa huwa rappreżentat fil-parlament ta' l-istat. Fil-fatt Die Linke issa għandu membri fi 13 mis-16-il parlament statali. F'din l-elezzjoni l-Ħodor marru tajjeb ħafna wkoll fil-waqt li l-lemin estrem, li għamel kampanja kontra l-bini ta' Moskej baqa' l-art u ma ġabx iktar minn 1.6% tal-voti.

Il-problema tal-Xellug kullimkien hija l-firda. Fil-Ġermanja għad irridu naraw jekk l-SDP u l-Ħodor humiex lesti li jidħlu f'koalizzjoni mal-Linke. Jekk ma jagħmlux dan f'Nordhein Westfalen, ix-xellug ma jistax jifforma gvern. Min-naħa l-oħra l-Linke mhuwiex tant ħerqan jidħol fil-gvern għax ma jridx jittradixxi lill-membri billi jaċċetta kompromessi fuq policies u prinċipji.

Fl-Italja kien hemm l-elezzjoni f'Sardinja u l-Partit Demokratiku, li huwa tax-xellug, rebaħ tliet provinċji minn tlieta. Fl-Ingilterra għall-ewwel darba ġiet eletta fil-Parlament kandidata tal-Greens. Fl-elezzjonijiet parlamentari ta' l-Olanda, l-Ħodor (Groenlinks) żied in-numru ta' siġġijiet minn 7 għal 10 siġġijiet.

Ix-xellug ma mietx imma għad fadallu ħafna x'jaqdef, l-aktar minħabba l-firda u żbalji kif ukoll għax għadu jġorr il-piż ta' diżastri storiċi li huwa l-Istaliniżmu u s-soċjal demokrazija.

Is-soċjal demokrazija għażlet l-hekk imsejħa "Tielet Triq" li ma kinitx ħlief 'dead end' neo-liberali. U l-kriżi ekonomika li qegħda tinfi lill-Ewropa mhix ħlief riżultat ta' din it-"Tielet Triq" li ma wasslet imkien ħlief għall-miżerja.

Dan iż-żmien ta' kriżi għandu jkun żmien ta' riflessjoni għall-partit bħal New Labour u s-soċjal demokratiċi biex jeżaminaw il-kuxjenza u jmorru lura għall-għeruq tagħhom Xellugin. Din il-kriżi qegħda tħeġġeġ lill-ħaddiema jerġgħu ikunu militanti.

Sta għall-politiċi tal-partiti li jifhmu x'inhi t-triq il-quddiem, jerġgħu isiru militanti u jappoġġaw u jiggwidaw lill-ħaddiema f'din it-taqtiegħa tant importanti.

Għax il-kriżi maħluqa mill-ekonomija neo-liberali qegħda tagħti ċans lill-gvernijiet tal-lemin biex iwettqu miżuri li mhux biss iġibu fix-xejn il-kisbiet li għamlu l-ħaddiema tul l-istorja permezz ta' militanza u sagrifiċċji imma li wkoll jitfgħu lill-ħaddiema lura għas-snin tar-Revoluzzjoni Industrijali meta l-ħaddiema ma kienx ħlief biċċa għodda li tintuża, tintgħasar u tintrema'.

It-taqtiegħa tal-ħaddiema l-lum hija l-istess dik ta' missirijiethom u nannuhom. Ix-xellug kollu għadu m'għarafx jieħu opportunitá mill-kriżi. Ix-xellug jaf jispjega x'inhuma l-problemi imma ma jafx iressaq is-soluzzjonijiet. Jew agħar minn hekk, jaf x'inhuma s-soluzzjonijiet imma jibża' jressaqhom u jiġġieled għalihom.

## L-Għaqda Żminijietna -Leħen ix-Xellug

***Żminijietna -Leħen ix-Xellug huwa moviment xellugi u jinkludi membri tal-Partit Komunista, il-Partit Laburista, l-Alternattiva Demokratika, ħaddiema, akkademiċi, studenti, trejd unjonisti, ġurnalisti u pensjonanti.***

***Żminijietna hija l-leħen tax-xellug. Il-mira ewlenija hi li l-għaqda jkollha preżenza ikbar fis-soċjeta' permezz ta' attiviżmu minn perspettiva xellugija, b'emfażi fuq il-prinċipji ta' l-ugwaljanza, ġustizzja soċjali u sostenibilta' ekoloġika.***

***Din ir-rivista hija waħda mill-ħidmiet ta' l-Għaqda u wieħed jista' jabbona permezz ta' ċekk jew money order ta' 5 euros fl-indirizz: 14/8, Vincenti Bldgs, Triq id-Dejqa, Valletta.***

***Kull korrispondenza għandha tintbagħat fl-indirizz ta' hawn fuq jew zminijietna@yahoo.com*** **Il-kitibiet fir-rivista huma l-fehmiet u opinjonijiet tal-kittieba u mhux bil-fors jirriflettu l-policy uffiċjali ta' l-Għaqda Żminijietna**

# The smell of corruption

*a critique by*
***Evarist Bartolo MP***

Mitsui Engineering and Shipbuilding Co Ltd (MES) through companies it owns, like Burmeister & Wain Scandinavian Contractor (BWSC) and Sumimoto Mitsui Banking Corporation (SMBC) and a company it licenses to produce diesel engines MAN made sure that the contract for the extension of the Delimara Power Station would be somehow or other decided in its favour.

A year long investigation has revealed the powerful network working inside Malta and across continents to secure the bid for BWSC. The powerful global network was supported by a local network very well connected to the party in government through lawyers, auditors and companies that finance the PN.

For example, the firm KPMG is the auditors for BWSC and SMBC in Europe and while the procurement was going on to award the tender to BWSC, KPMG Malta produced the report for the Maltese government to raise water and electricity tariffs.

It's these news tariffs as proposed by KPMG that will (while putting a painful burden on Maltese families and businesses) help Enemalta pay off its loan to SMBC and eventually contribute to finance BWSC's new plant.

I have also discovered that the total cost of the contract is going to be €290 million, much more than government has said locally. Going through the contract that was published thanks to Labour Party insistence, I have found out that it was BWSC who approached the European Investment Bank (EIB) to finance half of the project through a €150 million loan. BWSC proposes that the other half is to come though the Nordic Investment Bank (NIB). These two banks have financed energy projects in Russia together with SMBC.

The loan agreement between Enemalta and the European Investment Bank was signed five months before the contract was awarded to BWSC. BWSC and government are refusing to publish correspondence dealing with this loan. They are also refusing to publish a list of the BWSC's sub-contractors. These include companies like Siemens, Wartsila, ABB, Vetco and Pauwels.

According to the bid submitted by BWSC on 4th March 2008 for the extension of the Delimara Power Station these five companies are among its list of subcontractors. It is alleged that these companies have all been somehow or other involved in cases of corruption, bribery, grave professional misconduct or money-laundering. On the same day Erik Breiner Kristensen of BWSC signed the 'Statement on Excluding Circumstances of Regulation 49 of Public Contracts Regulations 2005'. This declaration binds the bidder and also all his subcontractors.

In his declaration Erik Breiner Kristensen stated that BWSC's subcontractors have never "been convicted of an offence concerning professional conduct by a judgement which had the force of res judicata in accordance with the laws of Malta or the country in which he is established." He also signed that these subcontractors have never "been declared guilty of grave professional misconduct", corruption, fraud and money laundering.

When Eric Breiner Kristensen of BWSC signed such a declaration on 4th March 2008 he knew that "the provision of inaccurate or misleading information in this declaration may lead to my organisation being excluded from participation in future bids." More binding than this he knew that "bidders who have been guilty of making false declarations will incur financial penalties representing 10% of the total value of the contract being awarded."

There is no indication that Enemalta, the Department of Contracts or government bothered to check Kristensen's barefaced declaration about BWSC's subcontractors, the same way they did not check Lahmeyer International, also involved with Siemens in corruption in Africa. After Lahmeyer International was blacklisted by the World Bank, Enemalta Corporation - through a direct order - appointed it as an "independent" consultant to evaluate the technology of the bids for the Delimara Power Station extension, even though Lahmeyer International and BWSC had the same exclusive agent in Malta – Joseph Mizzi and Lahmeyer International and BWSC had been partners in building three power stations in Iraq. Till the end of this year Siemens is also blacklisted by the World Bank because of corruption by three of its companies in Russia between 2004 and 2006.

Both BWSC and MAN B&W Diesel, who submitted their own separate bids for the Delimara contract, have a common history. Since 1926, Mitsui (MES) entered into the first licence agreement with BWSC, the first of now many global manufacturers of MAN engines. MES is the senior licensee of MAN B&W Diesel. Only recently, MAN built a 50MW diesel plant with BWSC in Cyprus. Since 1990 BWSC has built 79 power plants worldwide, 53 of which are powered by MAN engines licensed by MES.

By the end of the procurement process, all the necessary legal, policy and tender specification and procedure changes were implemented to enable both BWSC and MAN to qualify and place first and second in line to be awarded the contract. The ultimate beneficiary was Mitsui (MES) – owner of BWSC and licensee of MAN.

## *Tislima lil ...........* Anna Mendelssohn



Anna Mendelssohn, poetessa, mietet f'Cambridge fl-eta' ta' 61 sena. Hija mietet fis-16 ta' Novembru 2009 wara battalja twila kontra tumur fil-moħħ.

Anna twieldet fi Stockport fl-1948. Missierha kien iġġieled fuq in-naħa Repubblikana fil-Gwerra Ċivili Spanjola, u wara sar kunsillier Laburista. Omma kienet ħadmet ma' dawk li ħelsuha mill-olokawst. Anna studjat fl-Universita' ta' Essex bejn l-1967 u 1969 u telqet qabel ma ggradwat wara li ngħaqdet mal-*Claimants Union*.

Il-bomba li saret mill-*Angry Brigade* fuq id-dar tas-Segretarju tal-Intern, Robert Carr, f'Jannar 1971 qanqlet kampanja qalila mill-pulizija kontra x-xellug estrem. Anna sfat arrestata fl-1971 u akkużata b'kompliċita' fi spluzzjonijiet u pussess ta' armi u splussiv, u kienet wada mill-akkużati fil-Ġuri tat-Tmienja fi Stoke Newington fl-1972.

Il-ġuri kien xena ta' kunflitt mill-bidu sal-aħħar. John Barker, wieħed mill-akkużati, qal li l-qorti kienet mibdula f'forum miftuħ minn xi akkużati li ddefendew ruħhom. Anna, flimkien ma' John Barker, Hilary Creek, u James Greenfield kienu misjubin ħatja. Anna ġiet issentenzjata għal għaxar snin u nħelset wara ħamsa, f'Novembru 1976. Wara li nħelset hija evitat publiċita' u ddedikat ħajjitha għal poeżija, tikteb bħala Grace Lake.

Barker qal hekk dwarha: "*Rajta diversi drabi fis-snin 80 u hija kienet ħafna mqanqla, eċċitata bil-ħajja u mhux mirbuħa, bħal ma kienet qabel is-snin fil-ħabs …… hija setgħet kellha ħafna segwaċi ta' kull xorta, iżda hija għażlet ħajja ta' solitudni*".

Il-ħabib poeta tagħha, Peter Riley, jgħid hekk dwarha: "*Il-poeżija tagħha varjat ħafna fil-mod iżda kienet bażikament estatika u ta' twiddib, ta' spiss b'ton irrabjat li kkonċerna l-ħsara li saret lilha, iżda wkoll li triegħex b'mod luċidu*".

Twila u attraenti b'xagħar folt skur, hija tibqa miftakra għaddejja mit-toroq ta' Cambridge b'ilbies ilellex, skur, fi triqtha mill- u lejn il-Librerija tal-Universita', li saret it-tieni dar tagħha.

***Alfred Consiglio***

# "Sfidi li għandhom jgħaqqdu lill-klassijiet"

***Michael Grech intervista lill-Kap tal-Partit Laburista, Dr Joseph Muscat***

*Hemm min qed jakkuża lill-Partit Laburista li qed jipprova jkun kollox għal kulħadd. Issa jekk xejn, hemm min isostni li din hi ħaġa mpossibli meta għandek soċjetà maqsuma fi gruppi u klassijiet soċjali differenti, li wħud minnhom għandhom interessi kuntrarji għal xulxin. X'taħseb dwar dan? Għandhom il-ħaddiema għax jibżgħu li ser jiġu mitluqa għal riħhom?*

**Dr Muscat**: Jien ma naħsibx li qed nippruvaw inkunu kollox għal kulħadd. Il-Partit Laburista qed jitkellem dwar il-prinċipji tiegħu; dwar x'jemmen u dak li jirrappreżenta. Dan hu pass kuraġġuż għax tkun qed tissogra li mhux talli ma tkunx kollox għal kulħadd, talli trid tagħti ġustifikazzjoni wara oħra għal min ma jaqbilx ma' l-vizjoni tiegħek.

Jien ma naqblix ma' parti minn dak li għidt. Vera hawn klassijiet differenti, imma l-isfidi li qed jiffaċċjaw dawn il-klassijiet differenti aktar milli jifirduhom, qed jgħaqqduhom, jew aħjar hemm il-potenzjal li jgħaqqduhom. Ngħidu aħna, li l-isfidi li qed tiffaċċja l-klassi tal-ħaddiema u dik tan-nofs li ħarġet minn dik tal-ħaddiema llum huma l-istess.

Din għalhekk hi okkażjoni fejn, għall-ewwel darba f'din il-ġenerazzjoni, familji minn setturi differenti tas-soċjetà tagħna qed jiffaċċjaw l-istess sfidi jew almenu sfidi li għandhom l-istess għerq. Allura, hemm okkażjoni forsi bla preċedent biex, flok noqogħodu ngħidu li l-interessi tiegħi huma differenti minn tiegħek, ningħaqdu.

Ovvjament, meta tagħmel dan ikun hemm min jistaqsi 'Allura ser inċedu xi ħaġa?' Personalment, ma nemminx li hi kwistjoni ta' iċċedi jew le. Hi kwistjoni li nagħrfu l-għerq tal-problema, li hu l-fatt li l-gvern preżenti m'għandux idea ċara ta' x'inhu r-rwol ta' l-istat fis-soċjetà. Ħafna drabi l-istat qed jabdika r-responsabiltà tiegħu. Drabi oħra jindaħal u jikkontrolla żżejjed u meta m'hemmx ħtieġa. Dan juri biċ-ċar li l-gvern m'għandux ħsieb sewwa ta' x'għandu jkun ir-rwol ta' l-istat fis-soċjetà.

Ħu l-qasam tal-mediċina. Ilna għal dan l-aħħar għaxar snin f'sitwazzjoni nbatu minn nuqqas ta' mediċini li suppost jiġu pprovduti b'xejn lil dawk liċ-ċittadini li jħallsu t-taxxi għalihom; Allura x'qed jiġri? Dawk li għandhom dritt għal dawn il-mediċini qed ikollhom jixtruhom mingħand il-privat. Issa fil-qasam ta' xiri mill-privat m'hemmx sistema ta' regolazzjoni ċara tal-prezzijiet. Ilna għaxar snin nitkellmu fuq din il-problema.

X'ġara f'daqqa waħda? Kemm is-sena l-oħra u kemm din is-sena il-gvern qal li ser jagħmel sistema ta' 'direct importation' tal-mediċini; f'kelma waħda sistema ta' bulk buying. Minn estrem għadda għal ieħor. Jew nejja jew maħruqa. Dan hu sintomu ta' gvern li jirrikorri għal miżuri ta' paniku aktar milli jirregola s-suq. Issa b'regolazzjoni hawn mhux qed nifhem sempliċi kontrolli, imma mod li bih l-istat jgħin lill-kapital jirriġenera lilu innifsu. Dan kollu juri li l-gvern m'għandux idea ta' x'inhu r-rwol tal-istat fis-soċjetà.

Nistgħu nieħdu eżempji iehor. Ħu dak tad-drittijiet ċivili, fejn anke hawn il-gvern jippreferi ma jagħmel xejn. Ħu qasam ieħor, dak tas-servizzi soċjali. Ġurnata il-gvern jitkellem kontra s-single mothers, u ġurnata oħra jgħid kemm għandu qalbu tħabbat għal dawn.

*Jekk il-Partit Laburista, ser jirrappreżenta lill-ħaddiema, lill-klassijiet tan-Nofs ...u anke l-kbar jekk hemm bżonn, il-Partit Nazzjonalista lil min jirrappreżenta?*

**Dr Muscat**: Lilu nnifsu. Il-Partit Nazzjonalista huwa l-partit tal-ftit għall-ftit; iħares l-interessi ta' numru żgħir, li naħseb qiegħed dejjem jonqos. Dawn wara jużaw il-massa biex jilleġittimaw dak kollu li jkunu għamlu permezz tal-magna propagandistika u ta' poter li biex iżżomm dan il-poter lest li tagħmel kollox. Importanti għalhekk, għal min irid bidla, li waqt li ssir kritika lejn il-Partit tagħna, meta fl-aħħar mill-aħħar issaffar is-suffara nkunu kollha flimkien fuq l-istess dgħajsa. Inkella ser tibqa' s-sitwazzjoni li hawn bħal issa.

*Ma jidhirlikx iżda, li hemm il-periklu li l-Partit jidħol f'alleanzi dgħajfa; alleanzi ma' nies li lesti jagħmlu alleanza mal-partit sempliċement għax mhux qed ipappuha, u mhux għax iridu bidla konkreta?*

**Dr Muscat**: Jien naħseb li din hi analiżi pjuttost superfiċjali ta' l-affarijiet. Jien naħseb li hemm numru ta' nies li jħossu li hawn bżonn bidla, anke jekk wħud kienu parti mill-istess ċirku ta' tmexxija.

*Problema kbira li l-ħaddiema qed jiffaċjaw hi dik tax-xogħol prekarju. Kif, b'mod konkret, il-Partit Laburista beħsiebu jiffaċċja din il-problema?*

**Dr Muscat**: Għaliha, problema akbar minn dik tax-xogħol prekarju hi l-problema tax-xogħol irregolari. Għandek qagħda fejn ħaddiema qed jagħmlu xogħol ta' ħaddiema, imma mhux trattati bħala ħaddiema imma bħala self-employed jew b'xi mod ieħor li jfisser li ma jingħatawx l-anqas il-minimu li bħala ħaddiema huma ntitolati għalih. Mhux biss ma jingħatax il-paga minima, imma lanqas il-leave, is-sickleave u l-affarijiet oħra li sa ftit ilu kienet ħaġa ovvja li ħaddiema għandu bi dritt igawdi.

Waħda mill-affarijiet li se nkunu qed nagħmlu hi li naraw li l-gvern ma jkunx wieħed minn dawk li jinkoraġġixxi dawn l-affarijiet bl-għoti tal-kuntratti. Biex ngħid kollox John Dalli kien ipprova jibdel sistema bħal din; li kumpaniji bħal dawn ma jingħatawx xogħol, imma ma sar xejn. Dan se jkun l-ewwel pass ta' Gvern Laburista.

*U xi tgħid dwar ix-xogħol prekarju?*

**Dr Muscat**:Passi oħra huma li naraw li s-sħubija f'union tkun tassew ħielsa u mhux jekk xi ħadd jipprova jsir membru ta' union ikun suġġett għal xi tip ta' rikatt. Dwar ix-xogħol prekarju, dan hu qasam fejn ma tistax tagħmel sempliċi leġislazzjoni. Ix-xogħol prekarju ser jibqa', imma ser naraw għal liema raġuni ser ikun hemm.Illum il-ġurnata ix-xogħol prekarju hu mod ta' kif min iħaddem qed jikkontrolla l-ispejjeż enormi li bosta drabi qed jiġu kkawżati mill-gvern stess. Bil-Partit Laburista fil-gvern mhux ser ngħid li x-xogħol prekarju ser jonqos awtomatikament, imma ser ikun hemm ċirkostanzi fejn il-kundizzjonijiet tax-xogħol jitjiebu.

Jien nemmen ukoll li l-liġijiet tax-xogħol iridu jinbidlu. Kif inhuma llum dawn jiskuraġixxu milli jkun hawn xogħol. Nemmen li jrid ikun hemm bidla minn sistema fejn jiġi ntaxxat min iħaddem.

*Ma jidhirlikx li jekk sempliċement tneħħi l-piż fuq min iħaddem mhux biżejjed? Ma jidhirlikx li l-partit fil-Gvern għandu anzi jitlob xi ħaġa lura mingħand min iħaddem?*

Jien naħseb li hemm bosta affarijiet li jitolbu diskussjoni u ftehim ġenerali. Jien iżda, ma nħarisx lejn l-entrapreneur b'mod negattiv jew antagonistiku. Jien nemmen li, waqt li hemm min jabbuża, hemm oħrajn, fosthom dawk żgħar li jħaddmu tnejn jew tlieta min-nies, li



l-impjegati għandhom xogħol xieraq. Dawn jistgħu jgħinu biex titkabbar l-ekonomija.

Żgur li m'hiniex favur li jingħata xi nċentiv biex wieħed jagħmel xi ħaġa illegali. Madankollu, jista' jkun hemm inċentivi għal min jimpjega b'mod li mhux biss legali, imma etiku. U l-ewwel li jrid jagħti eżempju hu l-gvern bil-politika tiegħu.

*Il-gvern donnu jrid jarmi l-politika ta' newtralità. Il-Partit Laburista ser jiġġieled fuq din il-kwestjoni?*

**Dr Muscat**: In-newtralità qiegħda fil-kostituzzjoni. Biex titbiddel jinħtieġu żewġ terzi. Il-Partit Laburista m'għandu ebda ntenzjoni li jneħħi l-kunċett ta' newtralità mill-kostituzzjoni tagħna. Wasal iż-żmien għal diskussjoni sħiħa fuq il-kostituzzjoni kollha. Nemmen li jista' jkun hemm bidla fil-kliem tal-klawsola tan-newtralità; bidla li tkun aktar qrib il-fatti kif inhuma issa u li tgħin lil kunċett ta' newtralità u mhux li ddgħajjifha.

Il-kliem li hemm fil-kostituzzjoni jirrifletti realtà li m'għadhiex magħna llum; dik taż-żewġ blokki (dak Komunista u dak tan-Nato). Ma jfissirx li m'għadx hawn super-potenzi, imma hemm riferenzi espliċiti fil-kostituzzjoni għal sitwazzjoni li llum m'għadhiex hemm. Issa dan il-kliem qed jintuża minn min ma jemminx fin-newtralità biex jherri n-newtralità. Jekk ser ngħaddsu rasna fir-ramel u ngħidu ma nċaqalqux kelma waħda, ser indgħajfu l-kunċett ta' newtralità u mhux insostnuha. Nixtieq kliem li jżomm il-kunċett ta' newtralità fit-totalità tiegħu, imma li jkun jgħodd għall-llum, għada u pitgħada jekk jista' jkun.

*B'mod konkret kif taħseb li jista' jiġi aġġornat?*

**Dr Muscat**: Fuq din il-materja nemmen li għandha ssir diskussjoni. Wara kollox il-kostituzzjoni la hu dokument ta' partit u lanqas ta' gvern. Hu dokument ta' poplu. Nemmen li hemm metodi ta' konsultazzjoni mas-soċjetà ċivili biex il-kostituzzjoni tiġi aġġornata.

Nerġa' ngħid, li ċ-ċentralità tan-newtralità għandna tibqa' hemm. Bħala partit m'għandna ebda intenzjoni li nċeduha, mhux minħabba xi nostalġija; għax kienet xi ħaġa ta' Mintoff; imma għax nemmnu li hi ħaġa li tagħmel sens għall-pajjiż fiċ-ċirkostanzi ta'llum.

*Int spiss titkellem fuq moviment aktar milli partit. Issa moviment jimplika għaqdiet u gruppi differenti, kif ukoll xi politika li tibda' minn isfel u titla l' fuq, kuntrarju għal bosta mill-politika li tradizzjonalment saret f'Malta. X'ser tkun il-politika tal-Partit rigward l-għaqdiet u l-NGOs li jaħdmu fis-soċjetà tagħna direttament ma ħafna minn dawk li f'din is-soċjetà mhux qed jirnexxu?*

**Dr Muscat**: Dan hu wieħed mill-proġetti li għandu l-partit għas-sena d-dieħla; dak li naraw kif ikollna diskussjoni ferm usa mas-soċjetà ċivili u dawk in-nies kollha li b'xi mod jħossuhom parti minn dan il-proċess, ħalli jkollna l-linji li jiggwidawna fit-tfassil tal-programm politiku tal-partit għall-elezzjoni li ġejja.

L-idea ta' moviment hi dik li waqt li l-partit kien, għadu u jibqa', hu jgħati ruħu bħala għodda ta' iggvernar lil dawk li jkun qed jirrappreżenta. NixtieqU li l-bażi ta' dawk li jkun jirrappreżenta tkun ferm usa minn dik ta' partit politiku. Din m'hiex ser tkun ħaġa faċli. Ser ikun hemm bosta '*stake holders*' li jħossu jew jistennew li dan hu l-gvern tagħhom, u jippretendu aktar. Imma nemmen li m'hemmx alternattiva għal dan; nemmnu b'konvinzjoni u mhux għax hu xi diskors 'moda', minkejja li hi triq li għaddejjin minnha ħafna partiti progressivi fl-Ewropa u madwar id-dinja.

Waqt li l-partit u l-istrutturi tiegħu iridu jifhmu li jridu jinfetħu u jisimgħu aktar, is-soċjetà ċivili trid tifhem li dan hu proġett ta' gvern. Mhux sempliċi lista ta' dak li wieħed jixtieq. L-arti tal-iggvernar hi ferm aktar kumplikata minn dik li wieħed jaħseb. Nispera għalhekk li kemm il-partit u kemm is-soċjetà ċivili jisimgħu u jitgħallmu minn xulxin.

*Problema li wħud minn dawn l-NGOs semmew reċentement hi dik tal-faqar. Hemm il-ħsieb li l-Partit ifassal politika serja f'dan il-qasam?*

**Dr Muscat**: Lanqas hemm dubju dwar dan. Biss ma naqbilx li l-politika dwar il-faqar titqies bħala xi kaxxa; l-istess bħalma għandu jingħad dwar aspetti oħra bħall-politika dwar iż-żagħżagħ,

**(Ikompli f'paġna 5)**

# Kieku l-ikel jitkellem ...

**Attivitá mill-Koperattiva Kummerċ Gust fl-okkażjoni tal-jum 'WorldFest'**

Għal din is-sena l-attivitá ta' ġurnata 'WorldFest' bl-isem ta' Kieku l-Ikel jitkellem organizzata mill-Koperattiva Kummerc Gust trattat il-qasam ta' l-ikel fid-dinja. Matulha ttellgħet diskussjoni nteressanti dwar l-ikel mmexxija mill-ġurnalista James Debono.

Punti nteressanti li ħarġu kienu l-kwistjoni ta' GMOs fejn Martin Galea Degiovanni ta' '*Friends of the Earth Malta'* qal li sa llum għad ma' hemmx studji ċari dwar l-impatt fuq is-saħħa tal-bniedem u biodiversita. Semma kif f'Malta għandna prodotti mmanifatturati lokalment li jikkontjenu GMOs bħal galletti. Għandna flimkien naħdmu sabiex Malta tiġi klassifikata GMO free bħal ma' ġie klassifikat reġjun ġewwa Spanja.

Carmel Cacopardo *mill-Alternattiva Demokratika – Green Party* qal li staġuni f'Malta qed jinbidlu u anka l-ammont ta' xita qed tħalli impatti negattivi lill-produzzjoni agrikola. Qabbel wkoll l-effett li jista' jkollu l-bini ta' rettur nuklejari fil-Libja jew Sqallija, billi rrefera għal studju *"Pollution affects on crops in Malta"* li tratta l-effett fuq l-agrikoltura Maltija mill-impjanti ta' żejt fi Sqallija. Mill-istudju jirriżulta li ta' *Gordan Għawdex* hu l-aktar milqut. Kompla billi qal li bl-istil ta' ħajja li qed ngħixu qed jiżdied l-ammont ta' skart mhux reċiklat li ħabba f'hekk qed noħolqu suq biex dan jibda jinħaraq ġewwa xi nċeneratur. Semma wkoll li diversi prodotti agrikoli



organiċi qed jispiċċaw jitħalltu ma' prodotti oħrajn fil-pitkalija. Ta' wkoll spunt dwar l-ideja fl-EU ta' l-'carbon tax' fuq prodotti mportati minn barra.

Suzanne Piscopo *'Lecturer fil-Home Economics'* qalet li hemm bżonn aktar kuxjenza fuq l-ikel li nieklu għal saħħitna u l-ambjent. Tajjeb li nibdew nedukaw lit-tfal. Hija pożittiva s-sistema li qed titħaddem preżentament fl-iskejjel primarji flimkien ma' ġenituri sabiex it-tfal jieklu ikel nutrittiv. Fis-sekondarja għandna problema ta' moniteraġġ. Tajjeb li tfal nsostnuhom bi prodotti lokali u f'lunch box' milli ppakkjat fi plastik. Jeħtieġ li *Home economics* li dari kien jiġi attribwit bħala kors ta' bniet, jiddaħħal bħala parti mis-syllabus sabiex l-istudenti jiġu mgħallma dawn il-materji li ddiskutejna llum.

Karen Mugliett '*Lecturer fil-Home Economics'* qalet li llum il-bniedem sar aktar affluenti u għalhekk m'għadux jfittex prodotti staġjonali biss u b'hekk biddel id-domanda għas-suq lokali.

Mario Cardona *mill-Koperattiva ta' Bdiewa Rurali Manikata* qal li tajjeb li nkomplu nippromwovu l-prodott lokali. Qal li fil-preżent qed naħdmu fuq proġett fejn qed nħalltu l-prodott lokali ma' dak fair trade fil-produzzjoni ta' *'marmalades'*. Proġett ieħor fejn ammont ta' egħlieqi tħawwlu biż-żebbuġ u ġiet ntrodotta Heritage trial ġewwa l-Manikata sabiex nippromwovu l-istorja tal-post, l-agrikoltura lokali u l-ambjent naturali..

B'dispjaċir ninnotaw li l-Gvern qed jagħti sussidji imma fl-istess ħin ma' huwiex jagħti dik il- protezzjoni lill-prodott lokali minn dak barrani. Eż fil-produzzjoni ta' Dulliegħ. Huwa minnu li kultura ta' 'mass production' daħlet użanzi ġodda negattivi f'Malta fejn prodotti agrikoli qed jinbiegħu ppakkjati lesti lis-Supermarkets biex jikkompeti ma' dak barrani, peress li nies saru jippreferu frott u ħaxix ippakkjat lest f'ġablo u plastik mill-metodu tradizzjonali.

L-istess fil-produzzjoni tal-frawli l-poplu sar jippreferi xtieli ta' barra peress li frawla hi akbar u b'hekk inqerdet dik lokali. Ħafna bdiewa mill-banda l-oħra qed jirrealizzaw li huwa aktar vijabbli li tbiegħ direttament lill-konsumatur milli ddaħħal il-prodott il-pitkalija, il-konsumatur qed jiggwadanja b'roħs fil-prezzijiet.

Patri Gwann qajjem spunt interessanti fejn qal li llum kumpaniji kbar qed jagħmlu prodotti *fair trade* li jfisser li ħafna affarijiet oħra jagħmluhom bis-serq u sfruttament minn fuq il-bdiewa u l-ħaddiema. Xi jfisser dan?

Nathalie f'isem il-Koperattiva Kummerċ Gust għalqet id-diskussjoni billi qalet li problemi ta' Malta f'dak li hu suq ħieles, l-użu ta' żerriegħa ġenetikament modifikata, nuqqas ta' ilma huma simili bħal ta' pajjiżi oħra madwar id-dinja. Ma' nistgħux ħabba carbon footprint ma' ngħinux bdiewa mit-tielet dinja. Appellat biex nkunu aktar konxji dwar dak li nikkonsmaw, fosthom sabiex nikkonsmaw prodotti li huma organiċi, 'fair trade' u lokali. Huwa minnu minn jgħid li fair trade jappella aktar għall-'middle class earners', imma tajjeb li l-konsumatur jkun konxju dwar etika fil-prodott u s-saħħa, li nemmen li għandha tkun ta' prijoritá fil-konsumatur.

# L-intervista ma' Dr Joseph Muscat

*(Jaqbad minn paġna 4)*

dik dwar l-ambjent, l-ekonomija u oħrajn. Żmien il-kaxxi fil-policies naħseb għadda. Aktar milli ngħidu għandna policy paper dwar il-faqar, irid ikun hemm politika oriżżontali li torbot ma' fatturi oħra. Il-faqar m'hux mifrud mill-ambjent, mill-familja u minn aspetti oħra ekonomici.

Nieħdu dan l-aħħar aspett. Spiss nisimgħu lill-Prim Ministru jgħid kemm irid familja sħiħa u magħquda. Fir-realtà imma, l-aktar tensjonijiet li l-familji għandhom huma dawk finanzjarji. Minfejn ġejjin dawn? Ħafna mill-piżijiet huma maħluqa mill-gvern stess. Kif tista' temmen f'xi ħaġa li ddgħajjef int stess bil-politika tiegħek? Jekk tgħidli li int kontra s-sussidju jew li dawn qed ibatu mhux tort tiegħek imma minħabba s-suq ħieles, tajjeb li tkun ċar mal-familji. Jekk ser niġu f'kunflitt bejn is-suq ħieles bla kontroll u l-istabbilità tal-familja, nemmen li Gvern jrid jagħżel. Għalina l-għażla hi ċara; is-suq qiegħed għall-bniedem u mhux il-bniedem għas-suq. Din naħseb li hi l-attitudni li rridu nieħdu, aktar milli nagħmlu policy papers.

*Għajn ta' tberbiq ta' flus il-poplu hi l-politika ta' sub-contracting li spiss il-gvern iħaddan (liema sub-contractors spiss iħaddmu lill-impjegati tagħhom b'kundizzjonijiet mill-agħar). Il-Partit Laburista ġieli jikkritika kuntratti partikulari, imma mhux il-politika bħala tali. Ifisser li l-Partit Laburista jaqbel, minkejja t-telf ta' flus u l-ineffiċjenza?*

**Dr Muscat**: Ma naqblix li wieħed għandu jassumi li s-subcontracting bilfors ifisser ineffiċjenza jew tberbiq ta' flus. Hemm eżempji fejn l-affarijiet ħadmu. Nieħdu l-koperattiva tas-sinjali, li hi l-unika koperattiva fi ħdan iċ-ċivil. Dan kien esperiment li, biex ngħidu kollox, beda fi żmien gvern Nazzjonalista. Matul is-snin il-membri tal-koperattiva rnexxielhom jiffaċċjaw il-kundizzjonijiet u t-tensjonijiet tas-suq. Minkejja li hemm affarijiet li jistgħu jiġu mtejba, dan hu eżempju ta' sub-contracting li ħadem u kien effiċjenti kemm għal flus il-poplu u kemm għall-ħaddiema.

L-istess jista' jingħad rigward il-ħaddiema li jaħdmu mal-konsorzju tar-roundabouts. Ma nafx jekk hemmx aktar ħela ta' flus jew le. Pero' l-kundizzjonijiet tal-ħaddiema jidhru tajbin u f'dak li għandu x'jaqsam ma tisbiħ jidher li l-affarijiet marru aħjar milli meta kienu taħt sistema ċentralizzata. Hemm imbagħad każi li kienu fjaski totali, bħalma kien il-każ tal-posta. Ma naħsibx għalhekk li l-istruttura u l-politika tas-*subcontracting* hi xi ħaġa ħażina, imma pjuttost il-mod li bih dawn jitħaddmu. Għalhekk ma nistgħux nagħmlu kritika ġenerali.

*Imma nieħdu l-każ tar-roundabouts; hemm l-istess ħaddiema tal-gvern li qed jagħmlu x-xogħol bi prezz wisq akbar. Ma jistax ikun il-gvern li jikkordina l-dawn u jiffranka flusna?*

**Dr Muscat**: Iva dan jista' jsir. Fil-verità imma, il-problema hi li min imexxi mhux kapaċi jmexxi. Is-*subcontracting* u l-politika tajba tal-gvern ma nħarisx lejhom bħala antagonisti bil-fors. Madankollu, jekk f'xi każi ikun hemm ċans ta' aktar effiċjenza (li tfisser ukoll frankar ta' flus) u anke forsi gwadann lill-ħaddiema bis-*subcontracting*, ma narax għalfejn m'għandhux jitħaddem dan. Naħseb li rridu nkunu fantasjużi u flessibli, u mhux bil-fors ngħidu li ċ-ċentralizzar bilfors tajjeb u d-devoluzzjoni ħażina, jew bil-kontra.

*Kif beħsiebu l-Partit jitratta ma dawk il-gruppi u individwi xellugin, li spiss ikunu kritiċi dwar il-politika tiegħu?*

**Dr Muscat**: Il-partit m'għandu u m'għandux ikollu ebda problema ma' dawn. Jien nemmen li dawn għandhom ikunu parti mill-kuxjenza kollettiva tagħna u għandhom ikollhom l-ispazju tagħhom. Il-partit mhux qed jaspira għal eġemonija fuq ix-xellug. Bl-ebda mod ma qed naspiraw li bil-ġibda ta' xi spaga kulħadd ser ikanta d-diska tal-partit tagħna. Il-kunċett ta' moviment hu kunċett pluralistiku, li jimplika li b'ebda mod m'hu ser nibilgħu l-partijiet kollha tas-soċjetà ċivili li naħseb jaqsmu l-ideat bażiċi tagħna. Nixtieqbiss li l-partit ikun il-għodda tal-gvern ta' dawn.

Min-naħa l-oħra, nemmen li l-għaqdiet; ambjentali, xellugin u oħrajn għandhom jirrealiżżaw li l-uniku tama konkreta u realistika għal bidla fil-gvern u fil-politika mħaddma fl-aħħar kwart ta' seklu hu l-Partit Laburista. Kwalunkwe għażla oħra meta niġu għas-Si u n-No; kwalunkwe vot li ma jmurx lejn il-Partit Laburista; hu vot li fil-verità jgħin lil l-iStatus Quo.

*Żgur li waħda mill-affarijiet li għalihom ħaqqu tifħir il-Partit Laburista tas-snin sebgħin u tmenin, kienet dik li għen lil bosta familji Maltin jikbsu dar mingħajr ma jagħmlu sforzi kbar. Illum bil-kontra, ħafna koppji żagħżagħ iridu jintrabtu b'dejn għal ħajjithom biex iħallsu darhom, tant li din minn post ta' serħan saret piż. Xi pjani għandu l-Partit biex din il-qagħda titjieb?*

**Dr Muscat**: Il-partit se jħabbar numru ta' affarijiet b'mod konkret aktar il-quddiem. Madankollu, nista' ngħidlek il-kunċett li fuqu se nkunu naħdmu. Il-kunċett hu li l-kisba tad-dar ma tkunx *free-ride*, imma tkun xi ħaġa *achievable*; ħaġa li wieħed jista' jippermetti. Hemm bżonn ukoll ta' politika serja dwar l-iżvilupp ta' l-industrija tal-bini u ppjanar fit-tul. Hemm affarijiet li hemm bżonn isiru aħjar. U dan kemm fir-regolazzjoni tas-suq, kif ukoll f'oħrajn; fosthom dak f'bankarju, fejn ninsabu f'qagħda fejn il-bank jislef u ma jafx x'jista jiġri. Il-konsumatur u l-protezzjoni tiegħu; u min jixtri d-dar hu konsumatur; għandhom ikunu il-fus ta' politika ta' partit progressiv u xellugi modern. Għandna ċertu ideat ta'politika li meta jasal iż-żmien ser inħabbruhom.

*U la semmejna aspett pożittiv ta' gverniijiet Laburisti tas-snin sebgħin u tmenin, teżisti l-impressjoni li dawn kienu xi żminijiet ta' dlam li fihom ma sar xejn tajjeb. Donnhom aċċettaw passivament il-kejl konservattiv ta' kif għanda tinkiteb l-istorja. Meta ser isir attentat serju, b'aktar minn sempliċi programm fuq ir-Radju fl-għaxra ta' fil-għaxija, biex bil-kalma u anke b'mod kritiku, terġa' tinkiseb din il-memorja?*

**Dr Muscat**: Din hi waħda mill-isfidi l-kbar li għandna. F'dawn is-sentejn naħseb li bdejna nagħmlu dan; passat li tajjeb ngħidu ma jibdhiex fil-wieħed u sebgħin jew fil-ħamsa u ħamsin, imma ħafna qabel. Din is-sena ser nagħmlu konferenza li tippromwovi studju akkademiku dwar l-istorja tax-xellug f'pajjiżna; mhux b'mod nostalġiku, imma b'mod oġġettiv; b'mod li mhux biss inħarsu lura imma anke l-quddiem.

*Problema kbira li għandhom ħaddiema Maltin u barranin hawn Malta, hi l-fatt li bosta kuntratturi għandhom libertá sħiħa japprofittaw mit-tbatija ta' ħaddiema immigranti, biex inaqqsu l-kundizzjonijiet tax-xogħol, u jġġeldu foqra lokali ma' dawk ġejjin minn barra. X'beħsiebu jagħmel il-Partit fuq dan, li jmur b'mod ċar kontra n-natura internazzjonali tas-Soċjaliżmu?*

**Dr Muscat**: Aħna kontra x-xogħol illegali; u ma rridu bl-ebda mod xogħol illegali. Ix-xogħol illegali jnawwar id-drittijiet tal-ħaddiema u joħloq qagħda fejn min joffri lanqas jirbaħ. F'dan ir-rigward, anke fejn jidħlu l-immigranti, għamlet xogħol tajjeb ferm il-GWU. Biss mid-dehra, kulħadd injora dan. Jien nemmen li, irrespettivament minn fejn il-ħaddiem ġej, jekk dan qiegħed jaħdem hemm numru ta' kundizzjonijiet li jridu jiġu irrispettati.

# Il-fidwa ta' l-Anarkiżmu

Mark Montebello

***L-ewwel parti ta' dan l-artiklu dehret fil-ħarġa preċedenti ta' Żminijietna***

**3. Il-miri istituzzjonali**

Iċ-ċirku vizzjuż implikat f'dan kollu għadu ma ġiex miksur f'Malta u Għawdex. Huwa ċirku li jimmanipula l-kuxjenzi sabiex, minkejja s-siwi li jista' jkollhom fihom infushom, jgħaqdu l-konservazzjoni tal-instituzzjonijiet u l-perpetwazzjoni taċ-ċirku nnifsu. Minn hawn jiġi li dan huwa ċirku li nistgħu nsejjħulu 'Manipulazzjoni Politika tal-Kuxjenzi'. Aktarx jieħu din l-għamla:

Huwa meħtieġ li jiġi nnutat li l-manipulazzjoni tal-kuxjenzi individwali hija ta' xejra *politika*. B'dan irrid ngħid li, proprjament, l-istituzzjonijiet ma jinpurtahomx u ma jinteressahomx x'jaħseb, x'jemmen u x'jagħmel l-individwu *privatament*. Jinpurtahom u jinteressahom, speċifikament, li dak li jaħsbu u dak li jemmnu l-individwi, anki jekk mhuwiex materjal ortodoss, jew ma jaqbilx ma' dak li jħaddnu l-istituzzjonijiet, b'ebda mod ma jaffettwa l-aġir politiku u soċjali li jista' jfixkel imqar bi ftit l-istituzzjonijiet fl-objettivi u l-miri politiċi u soċjali tagħhom. Il-ħsieb u l-aġir privat huwa tollerat, imbasta ma jixirfux rashom fil-pubbliku. Bniedem f'istituzzjoni, ngħidu aħna, jista' jkollu personalità miskina u jħaddan ideat fqar u baxxi, ma jinpurtax, *imbasta* pubblikament ma jinbarazzax 'l-istituzzjoni, u fil-pubbliku jfaħħar jew jikkundanna kull ħaġa li l-istituzzjoni tfaħħar u tikkundanna.

L-istituzzjonijiet assoluti li għad għandna Malta u Għawdex jaborrixxu kull ħsieb u aġir *pubbliku* tal-individwu li jagħtu (jew jistgħu jagħtu) 'l wieħed x'jifhem li l-istituzzjonijiet m'għandhomx il-ġmiel tal-armonija u l-perfezzjoni formali li wieħed għandu jistenna f'organizzazzjoni totali; jaborrixxu kull ħsieb u aġir *pubbliku* tal-individwu li jagħtu (jew jistgħu jagħtu) l-impressjoni li s-safa tal-essenza kwantitattiva u kwalitattiva tagħhom hija mtabba' mqar bl-iċken mod; jaborrixxu kull ħsieb u aġir *pubbliku* tal-individwu li jagħtu (jew jistgħu jagħtu) 'l wieħed x'jifhem li l-kanoni tat-twemmin tagħhom u s-sistematizzazzjoni u l-koordinazzjoni tal-operat tagħhom fuq kull livell mhumiex assolutament ċari u univoki.

**4. Ir-rispett tal-valuri**

L-istituzzjonijiet assoluti u totali li għad għandna f'Malta u Għawdex m'għandhomx rispett lejn il-valuri li jwettqu 'l individwi, li l-aqwa fosthom hija l-onestà. Għalkemm jistgħu (u aktarx hekk jagħmlu) ifaħħru l-onestà fl-individwi, l-istituzzjonijiet la jemmnu fiha u lanqas għandhom rispett lejha. Għalihom, l-essenzjal huwa li l-individwi ma jfixklux l-objettivi u l-miri tagħhom. Ma jinpurtahomx jekk l-aġir pubbliku tal-individwi ma jaqbilx mal-ħsibijiet u l-aġir *privat* tal-istess individwi; ma jinpurtahomx jekk fl-aħħar mill-aħħar l-individwi humiex diżonesti magħhom infushom. Anzi, b'mod indirett—la darba l-istituzzjonijiet ma jistgħux irażżnu jew ixejjnu l-ħsibijiet u l-aġir privat tal-individwi—l-istituzzjonijiet *iħeġġu* d-diżonestà; iħeġġu l-ferq nett bejn il-qasam privat u l-qasam pubbliku, u ma jinteressahomx jekk ma jkunux jaqblu bejniethom.

Dan ifisser li jeżisti wkoll nuqqas kbir ta' rispett lejn il-verità. Mhux fis-sens epistemoloġiku ta' nuqqas ta' valorizzazzjoni ta' veritajiet oġġettivi (għax dan huwa xieraq), imma fis-sens etiku, jiġifieri fis-sens ta' nuqqas ta' attitudni miftuħa li tiffavurixxi r-rispett lejn ħaddieħor, id-djalogu, it-tolleranza, l-ugwaljanza u valuri oħra li d-diversità soċjali teħtieġ.

Fi kliem ieħor, l-onestà u kull valur ieħor huma sottomessi għall-miri u l-objettivi istituzzjonali; kollox jiġi meqjus mill-perspettiva politika; kollox—inkluż l-individwi fi ħdan l-istituzzjonijiet, kif ukoll il-benefikarji stess tal-operat tal-istituzzjonijiet—huwa parti integrali mill-logħba politika li l-istituzzjonijiet jibqgħu jilagħbu għall-konservazzjoni u possibbilment għat-tkabbir tal-qawwa jew is-supremazija politika tagħhom infushom.



Għall-istituzzjonijiet, 'inklużjoni soċjali' tfisser *l-ewwel u qabel kollox* konformità pubblika mal-proġett politiku tal-istituzzjonijiet infushom. Din il-perspettiva tħaddan doża qawwija ta' intransiġenza li xxejjen kull sens ta' umoriżmu. L-istituzzjonijiet assoluti u totali m'għandhomx sens umoristiku; jieħdu kull infrazzjoni għad-dekor u l-apparenza pubblika tagħha b'serjetà gravi li ma tippermettix eċċezzjonijiet.

**5. Diżabbiltà Effettiva**

F'din il-fasla, filwaqt li l-istituzzjonijiet ma jistgħux jagħmlu mod ieħor għajr li jittolleraw lill-individwu jaħseb li jrid u jaġixxi kif irid privatament, jagħmluha *ineffiċjenti* kemm jista' jkun li l-individwu jiffakulta fil-qasam pubbliku kull ħsieb jew aġir eterodoss li jista' jkollu. Xi rrid ngħid




biha 'ineffiċjenti'? F'dan il-kuntest tfisser li individwu, wara li jagħmel il-kontijiet miegħu nnifsu, jasal biex jagħraf li ma jaqbillux, bħal skopijiet ta' inklużjoni, li jperreċ dak li jaħseb jew l-aġir tiegħu b'mod pubbliku. Impliċitament, hawn hawnhekk it-theddida kostanti tal-esklużjoni qisha x-xabla ta' Demokli mdendla fuq rasu. Individwu sensat jirraġuna li, la darba ma jixtieqx u ma jridx li jkun eskluż mill-vantaġġi kollha li joffru l-istituzzjonijiet, konxjament jagħżel li ma jurta b'ebda mod il-front pubbliku tal-istituzzjonijiet. B'hekk ma jaqa' f'ebda interdett. Għall-effiċjenza tal-għajxien inklużiv tiegħu, anki jekk b'mod apparenti biss pubblikament, ikun jidher li hu parti integrali mis-sbuħija, is-safa u l-ordni tal-istituzzjonijiet rispettivi li jrid għalih innifsu l-vantaġġi tal-pakkett inkluživ li joffrulu. Din hija għażla ta' konvenjenza diżonesta (anki ipokrita, jekk trid) li, għalkemm tnaqqaslu s-sbuħija, is-safa u l-ordni tal-kuxjenza u l-integrità personali tiegħu, tħallilu l-possibbiltà sħiħa li jaċċessa l-vantaġġi kollha li joffrulu l-istituzzjonijiet soċjalment u politikament. Din insejħilha 'Diżabbiltà Effettiva'. Il-mira li jkun telaq biha l-individwu f'din il-linja ta' raġunament hija l-effettività eżistenzjali. Għaldaqstant, b'kapaċità profiċjenti, joħloq personalità kompetenti li tista' tissopravivi fil-fasla totali tal-istituzzjonijiet assoluti. (U, fl-istess waqt, isaħħaħ il-Manipulazzjoni Politika tal-Kuxjenzi li jwettqu l-istituzzjonijiet.)

Fi kliem ieħor, l-individwu jkun għażel (jew, aħjar, ġie mġiegħel) li jiddixxiplina sal-punt tat-trażżin il-fakultà tiegħu li jaħseb u jaġixxi b'mod integru u onest. Sabiex il-ħsieb u l-aġir pubbliku tiegħu jkunu f'konformità perfetta mal-miri u l-objettivi tal-istituzzjonijiet li jqishom vantaġġjużi għalih, l-individwu jinnewtralizza għal kollox l-'Anarkiżmu Fakultattiv' tiegħu. Dan ifisser li jxejjen fih innifsu l-eventwalità li l-ħsibijiet u l-aġir privat tiegħu jinfluwixxu, fuq traġitt onest u integru li jkun politikament distruttiv u soċjalment esklużżiv, dak li jesprimi u dak li jagħmel pubblikament. Fi kliem ieħor, l-istituzzjonijiet jinkapaċitaw lill-individwi u jieħdu fuq spallejhom ir-responabbiltà tad-diżonestà tagħhom; jikkontrollawlhom l-aġir pubbliku tagħhom bl-iskuża li dan hu l-aqwa ġid li jista' jkollhom. Xi wħud, bħal John Zerzan (*Future Primitive*, 1994), isejjħu din is-sistema bħala waħda ta' 'sigurtà monopolizzata'.

Dan nistgħu narawh ċar madwarna. F'Malta u Għawdex issib ħafna nies li privatament jitħaddtu bl-onestà kollha. Imma meta tistedinhom sabiex jiktbu f'gazzetta, jagħmlu intervista jew jieħdu sehem f'xi diskussjoni pubblika dwar dak li jaħsbu, jiġi immedjament skattat fihom il-mekkaniżmu tal-Diżabbiltà Effettiva u jiċħdu li joħorġu għonqhom minħabba raġunijiet ta' biża' mill-esklużjoni, tagħhom infushom jew ta' uliedhom. Għandna bla qjies persuni onesti li huma effettivament diżabilitati.

Min-naħa l-oħra, għandna wkoll ħafna nies li huma parti mill-istituzzjonijiet li għażlu li jħaddnu *voluntarjament* id-Diżabbiltà Effettiva għall-konvenjenza tagħhom; ħalli ma jitilfux il-possibbiltà sħiħa li jaċċessaw il-vantaġġi kollha li joffruluhom l-istituzzjonijiet soċjalment u politikament.

**6. L-Anarkiżmu Fakultattiv**

Dan kollu mhuwiex għajr riċetta perfetta għall-qerda tas-sbuħija, is-safa u l-ordni tal-kuxjenzi tal-individwi. Mhux biss aktar u aktar individwi fis-servizz jew fil-benefiċjenza tal-istituzzjonijiet isiru dejjem aktar edonisti—għax bl-aġir tagħhom ifittxu biss is-sodisfazzjoni u l-gratifikazzjoni soċjali u politika tagħhom infushom askapitu tal-valuri li tassew ikabbru s-sbuħija, is-safa u l-ordni tal-kuxjenzi individwali—, imma wkoll l-istess individwi jkomplu jgħixu ħajja diżonesta nieqsa mill-integrità personali.

Sabiex dan id-dannu jiġi mitigat jew imnaqqas kemm jista' jkun, xi wħud jaħsbu li jistgħu jgħinu 'l-istituzzjonijiet *waqt* li ma jirribellawx għad-Diżabbiltà Effettiva. L-iskop tagħhom hu aktar nobbli, għax ikunu jridu jġibu 'l-istituzzjonijiet f'qagħda aħjar li jirrispettaw il-kuxjenzi individwali. Din mhijiex għajr illużjoni. Kull tħaddin tad-Diżabbiltà Effettiva ma jistax itejjeb 'il-istituzzjonijiet. Għax il-fasla assolutista u totali tagħhom stess ma tippermettilhomx li jagħmlu dan. Jistgħu jitjiebu b'dan il-mod f'termini assolutisti u totali biss. Aktar ma bniedem jipprova jirfina l-operat tal-istituzzjonijiet minn ġewwa mingħajr ma jiċħad u jirribella kontra d-Diżabbiltà Effettiva, aktar, fil-fatt, ikun qed isaħħaħ l-assolutiżmu u t-totalità tal-istituzzjonijiet li jkun qiegħed ifittex li jirriforma. B'dan il-mod, l-istituzzjonijiet jistgħu jkunu dejjem aktar dak li huma; ma jistgħux ikunu aktar dak li mhumiex u li ma jistgħux ikunu.

Hu għalhekk li nagħżel li nitkellem dwar l-'anarkiżmu' milli dwar 'riforma', 'tiġdid', 'restawrazzjoni' jew xi forma oħra ta' bdil li, mingħajr iċ-ċaħda tad-Diżabbiltà Effettiva, fl-aħħar mill-aħħar ma jistax ikun għajr kosmetiku jew, li hu agħar, sosten u tisħiħ tal-operat dannuż tal-istituzzjonijiet.

L-Anarkiżmu Fakultattiv, li hu essenzjalment ribelljoni kontra d-Diżabbiltà Effettiva, jagħti lill-individwu l-possibbiltà li ma jissottomettix l-integrità u l-onestà tiegħu tal-kuxjenza tiegħu għall-objettivi u l-miri politiċi u soċjali tal-istituzzjonijiet; ma jċedix għall-intimidazzjoni tal-esklużjoni; ma jagħmilx lilu nnifsu bil-vantaġġi soċjali u politiċi li l-istituzzjonijiet joffrulu; ma jaqax għat-tentazzjoni qawwija li jofroq il-qasam privat u l-qasam pubbliku, jiġifieri dak li jiġi maħsub u magħmul fil-privat u dak li jiġi espress u magħmul fil-pubbliku. L-Anarkiżmu Fakultattiv jibqa' jagħtih il-possibbiltà li jiffakulta jew jaċċessa l-ħila tiegħu li jkun integru u onest pubblikament daqskemm privatament; li jkun hemm konsistenza bejn dak li jaħseb u jagħmel privatament u dak li jesprimi u jagħmel pubblikament. L-Anarkiżmu Fakultattiv ma jġiegħlux ikun edonista, opportunist, diżonest u ipokritu.

**7. Il-fidwa tal-Anarkiżmu**

Bħalma wieħed jista' jinnota, l-Anarkiżmu Fakultattiv li qiegħed nipproponi hawnhekk u li nemmen li jista' jifdina mill-sindromu tal-Manipulazzjoni Politika tal-Kuxjenzi nifhmu f'termini purament antropoloġiċi. Ma jħeġġiġx xi stat ta' diżordni politiku u soċjali jew xi stat soċjali li fih ma jkollokx gvern effettiv. Lanqas ma jiċħad it-tmexxija jew l-awtorità leġittima. Lanqas ma jsostni sfiduċja ġenerali fl-istituzzjonijiet bħala tali. Ma jfittxx li nerġgħu lura għal xi għamla ta' soċjetà primittiva, tribali jew 'naturali' (f'sens pre-istituzzjonali), bħalma jagħmlu diversi ħassieba, bħal Pierre Clastres (1974) u David Graeber (2004).

Dak li nsostni permezz tal-Anarkiżmu Fakultattiv huwa li l-individwu jiċħad

(Ikompli f'paġna 7)

# Ir-riforma u l-futur tas-Saħħa

**Rapport dwar diskussjoni organizzata minn Żminijietna**




Id-diskussjoni pubblika dwar il-futur tas-saħħa pubblika ttellgħet fil-24 ta' April 2010 ġewwa 60a, Triq id-Dejqa, l-Belt Valletta u kienet il-ħmistax mis-sensiela ta' diskussjonijiet pubbliċi dwar temi politiċi u soċjali li qed jiġu organizzati minn Żminijietna.

Il-kelliema prinċipali kienu Dr Michael Farrugia (Partit Laburista), Bernardette Mercieca (Alternattiva Demokratika – The Green Party), Tony Zarb (GWU) u Sylvia Spiteri (MUMN). Il-Partit Nazzjonalista kkonfermaw, imma ma bagħtu l-ħadd. Mexxa d-diskussjoni l-ġurnalista James Debono.

*James Debono beda diskussjoni billi staqsa lill-kelliema dwar ir-reazzjoni tagħhom għar-riforma kif proposta mill-Gvern għas-servizz tal-kura tas-saħħa primarja.*

Sylvia Spiteri (MUMN) bdiet biex qalet li fil-kura primarja ilu ma jsiru tibdiliet. Bħala MUMN nemmnu li l-ewwelnett għandu jkun hemm aktar servizzi mogħtija fil-komunitá u r-riforma ġdida għandha tinkludi aktar ir-rwol ta' l-infermiera fil-komunitá. In-nies fil-komunitá għandhom bżonn is-servizz ta' tim mediku u dan għandu jinkorpora wkoll rwol ta' l-infermiera. Eżempju huwa li preżentament is-servizz għall-kura ta' tqala offrut fil-komunitá mill-'*midwives*' hu wieħed limitat.

L-MUMN jaqblu wkoll ma l-introduzzjoni ta' '*Nurse practitioner'* li taħdem direttament u b'kollaborazzjoni mat-tabib tal-familja sabiex jiġi offrut servizz ta' kura direttament fid-djar. B'hekk nkunu qed naħdmu aktar fil-qrib mal-familji fil-komunitá u b'hekk ukoll jitnaqqas l-piż minn fuq l-Isptar Mater Dei. Jeżisti wkoll nuqqas kbir ta' nfermiera u ta' dan qegħdin f'diskussjoni mal-Ministru. Ċerti serviżżi mhumiex jingħataw fil-kura primarja u lanqas fil-komunitá. Il-biża' tagħna hi li hemm nies li lanqas qatt ressqu għall-kura primarja.

Tony Zarb mill-GWU qal li bħala trejd unjin jaqblu ma' riforma li tieħu ħsieb is-saħħa tal-poplu filwaqt li s-servizzi għandhom jibqgħu garantiti mill-Istat, jiġifieri ma għandux ikun hemm ħlas addizzjonali. Nemmnu li r-riforma ma għandhiex tkun b'imposizzjoni imma b'diskussjoni sabiex jkun hemm qbil bejn l-i*stakeholders* involuti kollha, nkluża l- GWU. X'ser jiġri meta lkoll nafu li ċerti tobba tal-familja ma jaħdmux bil-lejl, u persuna, mbagħad, ma ssibx klinika miftuħa.

Nemmnu li l-ħaddiem irid aktar serħan il-moħħ u bħala trejdjujin hemm bżonn li nkunu viġilanti fuq din il-materja. Aħna ser nibqgħu viġilanti fuq din l-issue.

Dr. Michael Farrugia (PL) beda biex qal li l-Partit Laburista jemmen bis-sħiħ f'riforma ħolistika u bla ħlas. Għalkemm saru xi tibdiliet fl-isptarijiet xorta baqgħet il-problema tar-riżorsi umani. L-ewwelnett irridu naraw kemm għandna bżonn riżorsi umani biex titħaddem is-sistema u dana jista' jsir bi ftehim ma' l-Universitá u l-qasam ta' l-edukazzjoni sabiex nħeġġu aktar studenti jsegwu t-taħriġ fil-kamp mediku.

Hemm bżonn ta' pjan ta' viżjoni. Id-demografija qed turi li n-numru ta' anzjani se jkompli jiżdied fis-soċjeta tagħna. Jiġifieri rridu naraw kif se jkollna dak is-support biex dawn inżommuhom fid-djar.

Kif ukoll kif se nagħtu support lil dawk il-membri tal-familji li jagħżlu li jibqgħu d-dar biex jieħdu ħsieb lill- anzjani tagħhom, filwaqt li rridu naraw x'inhu l-aħjar - li nibnu djar fil-komunitá jew djar ta' l-anzjani li ħafna drabi jkunu l-bogħod mill-komunitá. Idejalment inżommuhom viċin fejn trabbew.

Ir-rata ta' twelid f'Malta hi ta' 1.3 għal kull familja. Kieku mhux għas-single mothers, kieku rata ta' twelid tkun ferm inqas minn dik Ewropea. Il-Gvern mhux joffri servizzi ta' *child care centres* biex jgħin lil dawn il-familji. Nemmen li għandna nimbarkaw lejn pjan biex nedukaw aktar favur il-prevenzjoni. L-istess, il-Gvern jista' jixtri direttament jew b'joint venture ma' ħaddieħor biex jixtri l-mediċini jew nkella b'diskussjoni ma' l-imsieħba jista' jasal biex jitbaxxew l-prezzijiet wara li jittieħed average ta' prezzijiet f'pajjiżi oħra Ewropej.

Bernardette Mercieca qalet li l-Alternattiva Demokratika temmen li s-saħħa għandha tkun b' xejn għal kulħadd. Aħna nkwetati bit-terminoloġija ta' 'means test' li ħareġ biha l-Gvern. Dawn it-tipi ta' mekaniżmi ma nafux fuqxhiex ġew ibbażati u AD kienet tippreferi li jkun hemm riformi kif se jeliminaw l-ineffiċċjenzi. Eżempju huwa l-ħela fl-għoti tal-mediċini.

L-isptar għandu bżonn aktar sigħat twal fejn il-pazjent jiġi moqdi. B'din it-tip ta' riforma proposta mill-Gvern se jkun hemm ċerti nies li jevitaw li jmorru għall-kura, anke fuq affarijiet minuri li jafu jiggravaw.

Importanti ukoll li tidħol fis-seħħ s-*Sexual Health Policy*. Din għandha tkun ko-ordinata mas-settur ta' l-edukazzjoni u dipartimenti oħra bi '*proper work plans'*. Dwar il-'*cost*' tal-mediċini l-AD temmen li l-Gvern għandu jixtri hu u jqassam lokalment sabiex jinqata' l-abbuż fuq il-prezzijiet tal-mediċini.

David Pisani minn Żminijietna – Leħen ix-Xellug qal li kura primarja għandha tibqa' bla ħlas u għandu jiżdied l-investiment fil-komunitá. Semma l-fatt li l-istess statistika tal-Gvern turi żieda fl-ammont ta' nies li jagħmlu użu mis-servizz tal-kura primarja mogħtija fil-kliniċi pubbliċi. Hemm bżonn ukoll ta' Sexual Health policy u li tkun ċara, għax il-Gvern preżentament qisu qed jibża' minn x'tista' tgħid il-knisja jekk jiġi ppublikat. Kompla biex qal li jekk il-Gvern ma għandux flus għas-saħħa, allura nies għandhom flus biex iħallsu għas-saħħa privata?

Punt ieħor hu li rriforma trid tinkludi l-kundizzjonijiet tal-ħaddiema li jaħdmu fis-settur tas-saħħa u l-problema ta' riżorsi umani. L-istess rigward l-obesitá. Huwa lmenta li grawnds tal-futbol fil-lokalitá jinfetħu biss għall-membri ta' nurseries, jew bi ħlas u mhux għal kulħadd. Dan żgur mhux se jgħin biex tiġi miġġielda l-obesitá u d-dritt ta' tfal li jkollhom aċċess għal faċilitajiet sportivi.

Kelliema oħra għall-MUMN semmiet li jeżisti nuqqas ta' risorzi umani waqt li min-naħa l-oħra hemm madwar 150 student. L-istaff qegħdin jaħdmu taħt stress u b'riskju għas-saħħa mentali tagħhom u ħafna drabi jkollhom iħallsu huma għas-servizz ta' psychologist.

Teżisti problema oħra li hi dik fid-dipartiment tad-***dental clinic.*** L-equipment kollu li kien hemm fil-health clinic tal-Mosta li kien għadu kemm ġie nstallat, ittieħed kollu ġewwa l-isptar ta' Għawdex. Dan jfisser li l-politika tal-Gvern tista' twassal biex dan is-servizz ma jibqax jingħata fil-komunitá?

Alfred Vella qal li fl-isptar it-tobba għandhom parti prinċipali fit-tmexxija. Ukoll, hemm problema ta' *waiting list*s u persuna, jekk ma jkunx jaf lil xi ħadd, tispiċċa tibqa' l-art waqt li dawk li jkunu jafu n-nies jiġu ppreferuti. L-Isptar qisu sar ta' tobba. Tajjeb li nurses jingħataw l-importanza mistħoqqa fil-kura tas-saħħa. L-MUMN hemm bżonn li ssir aktar militanti fuq din il-materja.

Mary Anne Zammit minn Żminijietna – Leħen ix-xellug semmiet li huwa nkwetanti li r-rata tat-twelid hija baxxa u jkollhom jagħmlu tajjeb għal din is-single mothers, minħabba l-faqar li dawn jgħixu fih. Il-Gvern fl-istess ħin baqa jkaxkar saqajh dwar id-dħul ta' family friendly measures,bħal estensjoni tal-*maternity leave* bi ħlas u child care facilities.

---

## *Mark Montebello*

(minn paġna 6)

li jħalli l-istituzzjonijiet jagħmluh inkonsistenti u inkoerenti miegħu nnifsu f'termini ta' onestà u integrità; jiċħad li jħalli l-istituzzjonijiet jagħmluh sempliċiment għodda għall-iskopijiet politiċi tagħhom; jiċħad li jiddakkar mid-Diżabbiltà Effettiva. Fi kliem ieħor, jiċħad li jiċħad lilu nnifsu.

Fil-kuntest tal-istat tal-istituzzjonijiet tagħna f'Malta u Għawdex, individwi li għandhom għal qalbhom dan kollu *ma jistgħux*, fil-fatt, ma jkunux anarkisti, għallanqas f'dan is-sens antropoloġiku fakultattiv li qiegħed nissuġġerixxi. Hija din l-Anarkija Fakultattiva li tista' tilliberana mill-ħakma assolutista u totali tal-istituzzjonijiet li għandna u tgħin fl-iżvilupp (post-modern, jekk trid) tas-soċjetà tagħna. Dan jista' jsir mhux billi nfittxu l-qerda tal-istituzzjonijiet jew infittxu li noħolqu xi soċjetà utopika li ma jkollhiex istituzzjonijiet jew tmexxija ta' ebda tip (li naħseb li hija impossibbiltà fl-għamla attwali li tajna lis-soċjetà umana). Jista' jsir billi aħna stess, minkejja l-pressjoni li jafu joħolqu fuqna l-istituzzjonijiet, it-theddid impliċitu tas-sistema u l-vantaġġi li jistgħu joffrulna għas-sottomissjoni tagħna, nibqgħu sħaħ fil-fehma li ma nilagħbux il-logħba dannuża tal-istituzzjonijiet; nagħżlu, fil-fatt, li nħobbu 'l-istituzzjonijiet, u għalhekk lis-soċjetà, *aktar* minn dawk li jissottomettu l-integrità u l-onestà tagħhom għall-proġetti purament politiċi tal-istituzzjonijiet infushom.

Dan mhuwiex għajr aġir li jqiegħed għall-aqwa servizz tas-soċjetà l-integrità u l-onestà tagħna. Fi kliem ieħor, l-Arnarkiżmu Fakultattiv mhuwiex biss għażla li nistgħu nagħmlu jew ma nagħmlux. *Huwa dmir.* Huwa dmir tagħna, f'dan il-mument storiku tal-għajxien tagħna f'Malta u Għawdex, li nkunu Anarkisti Fakultattivi. Huwa dmir tagħna li ma nxejjnux il-fakultà tagħna li nkunu onesti u integri pubblikament daqskemm privatament. Huwa dmir tagħna li nibqgħu nżommu r-riedni fuq id-deċiżjonijiet li nistgħu nieħdu għall-ġid, mhux tagħna biss, imma ta' ħaddieħor ukoll.

In-nuqqas ta' għażla, in-nuqqas ta' tħaddin ta' dan id-dmir, it-trażżin milli nkunu Anarkisti Fakultattivi, jagħmilna lkoll kompliċi fil-Manipulazzjoni Politika tal-Kuxjenzi li qiegħda sseħħ madwarna kontinwament. Ma nistgħux nibqgħu nippruvaw għalxejn li nirriformaw l-ordni eżistenti, għax dan jgħin biss l-ordni eżistenti nnifsu sabiex jissaħħaħ u jikkonsolida t-tirannija tal-assolutiżmu u t-totalitariżmu tiegħu. Huwa l-Anarkiżmu Fakultattiv li jista' jibqa' jżommna personalment b'saħħitna u soċjalment relevanti f'din is-sistwazzjoni.

***( Tmiem)***

## Ħondoq ir-Rummien se jispiċċa għall-għawm

# Stejjer strambi madwar il-proġett

**minn David Pisani**

Wara 7 snin ta' stennija l-poplu tal-Qala u l-pubbliku nġenerali li xi darba jew oħra ffrekwenta l-Bajja ta' Ħondoq ir-Rummien għandu għalfejn jitħasseb.

*Dan għall-fatt li fil-bidu tal-proċess ta' EIA ġew identifikati 3 siti mill-iżviluppatur li jista' jsir il-proġett u li jservu ta' 'Destination Port', f'kelma oħra bħala 'Yacht Marina', li kienu Marsalforn, Port ta' l-Imgarr u l-Bajja ta' Ħondoq ir-Rummien..*

L-ewwel tnejn twaqqgħu minħabba konsiderazzjonijiet ambjentali. Wieħed jistaqsi għala l-Bajja ta' Ħondoq le, meta l-bajja hija l-iktar waħda nadifa ġewwa Għawdex peress li fiż-żona ma hemmx żviluppi. Diversi studji u analiżi ta' l-awtorità tas-saħħa jikkonfermaw dan. Jiġifieri tajjeb li nappellaw biex nies meta jmorru jgħumu jżuru l-Bajja ta' Ħondoq.

Punt ieħor ta' nteress hu li fi "draft policy" ta' l-2002, 75% ta' Ħondoq ir-Rummien ġie mmarkat bħala żona ta' afforestazzjoni u l-bqija ta' 25% bħala żona ta' tisbiħ u ta' faċilitajiet ta' rikreazzjoni li fihom jinkludu l-għawm.

*Il-mistoqsija li tqum hi għala fl-2006 fil-ħruġ tal-policy l-affarijiet inbidlu u ż-żona saret ma' baqgħetx immarkata bħala żona ta' afforestazzjoni imma saret żona turistika u għal użu marittimu. Tgħid kien hemm xi pressjoni ta' xi ħadd biex dan isir?*

Punt ieħor ta' nteress huwa li *'Traffic Impact Statement (TIS)* tneħħa mill-kompetenza ta' l-EIA u ġie trasferit lill- Awtorita ta' Transport Pubbliku. Ir-rapport ta' TIS fil-każ ta' Ħondoq ir-Rummien dak inhar ta' laqgħa pubblika ma ġiex ippubblikat, u ta' dan għandu *wieħed jistaqsi għala nformazzjoni ta' nteress pubbliku ma ġietx ippubblikata dak inhar tal-laqgħa pubblika u lanqas koppja lill-kunsill ma ngħatat, meta n-nies bi d-dritt għandhom ikollhom aċċess għall-informazzjoni? Tgħid hemm xi affarijiet li jistgħu jostakolaw il-proġett propost minħabba ksur ta' xi regolamenti?*

Punt ieħor li tqajjem hu li l-MEPA lura snin ilu kienet irrifjutat l-iżvilupp ta' 'Cruise Passenger Terminal' ġewwa l-Imġarr minħabba l-ispeċi protetti tal-baħar, fosthom 'alka' magħrufa bħala 'Posedonia' u allura wieħed isaqsi għala *Ħondoq ir-Rummien mhux qed jingħata l-istess trattament, meta l-istess speċi protetta tinsab ukoll fil-bajja ta' Ħondoq u fi kwantitá?*

Referendum li kien sar fl-2002 wera biċ-ċar li 85% tal-poplu tal-Qala qalu li ma jaqblux ma' dan il-proġett ta' Ħondoq ir-Rummien. L-istess proġett li llum qed jitressaq għad-diskussjoni. Il-maġġoranza tal-Kunsill, bl-esklużjoni ta' wieħed ilkoll huma kontra l-iżvilupp.

*Wieħed jistaqsi għala dan il-wieħed ħareġ kontra x-xewqa tal-maġġoranza tal-Qalin u ta' l-istess Kunsill, u ma tax każ ta' l-kif ta' ċertu affarijiet li seħħew qabel il-proċess, fit-tfassil tal-policy u issa matul il-proċess?*



Ir-rapport ta' EIA huwa wkoll dgħajjef f'dak li hu l-aspett soċjali. Filfatt ir-rapport ma tantx ta kaz tar-realtá tal-ħajja tar-residenti tal-Qala, tal-kultura tal-post u l-inħawi, imma kien iktar moħħu biex jgħid li Ħondoq huwa Miżbla. M'għarafx il-fatt li nies tal-Qala għal diversi snin sofrew l-impatti negattivi tal-barriera fuq saħħithom. Nies li naħseb li kulħadd jaqbel li llum għandu jingħatalhom dak li hu dritt, ċioe l-użu tal-kosta pubblika għall-għawm. Meta l-istess nies ilhom minn qabel li operat il-barriera jagħmlu użu mill-post għall-għawm. Ir-rapport ta' EIA jonqos milli jagħti din ir-rabta soda u profonda li għandhom nies tal-Qala mal-Bajja ta' Ħondoq ir-Rummien. L-istess rapport wkoll pprova jagħti stampa differenti li qisu żona m'hiex waħda frekwentata.

Sa' llum il-maġġor parti tas-siti identifikati għal Yacht Marinas kienu l-portijiet ta' Malta, u hekk għandu jkun peress li l-Baħar huwa wieħed magħluq u b'hekk huwa diġá kontaminat mill-istess użu tiegħu bħala port etc. *Allura wieħed jistaqsi għala żona miftuħa tal-Bajja tal-Ħondoq, baħar nadif u ekoloġikament sensittiv għandha tiġi sagrifikata għall-iżvilupp ta' Yacht Marina*?

Punt ieħor ta' nteress dwar dan il-proġett hu li l-istess rapport ta' EIA ma jagħmel l-ebda referenza fuq jekk il-proġett propost hux konformi ma' direttivi Ewropej fosthom il-'*Water Framework Directive' u 'Marine Strategy Framework Directive'. Allura wieħed jistaqsi dan x'rapport hu, meta affarijiet ta' mportanza ambjentali huma nieqsa għal kollox minnu?*

Il-konklużjoni naħseb li toħroġ waħedha: hemm ħafna mistoqsijiet li jeħtieġu risposta għalihom.

Kien ta' nteress li għall-aħħar laqgħa pubblika ġewwa l-iskola tal-Qala kien hemm attendenza kbira ta' nies kontra l-proġett, flimkien ma' l-Kunsill tal-Qala li hu fil-maġġoranza tiegħu kontra proġett bl-eskluzjoni ta' wieħed, flimkien ma' għaqdiet ambjentali, politiċi u soċjali minn Malta u Għawdex, il-Partit Laburista u ta' l-Alternattiva Demokratika.

**Żminijietna – Leħen ix-Xellug pparteċipat ukoll fil-laqgħa pubblika biex tagħti l-oġġezzjonijiet tagħha fuq il-proġett.*

# Duopolju staġnat

**minn Michael Briguglio**

Il-parlament sar simbolu ta' duopolju staġnat.

Bid-differenzi kollha tagħhom, il-Partit Nazzjonalista u l-Partit Laburista huma simili ħafna għal xulxin, u kemm il-darba jaqblu fuq numru ta' proposti, bħal, ngħidu aħna, meta l-parlamentari qablu li jgħollu l-pensjonijiet tagħhom stess. Jew meta l-PN u l-PL qablu li jeskludu lilhom infushom mil-liġijiet dwar id-data protection, biex b'hekk jistgħu jiksbu nformazzjoni personali ta' ċittadini Maltin.

Wieħed jista' jsemmi ukoll is-sistema elettorali Maltija, li hi ddisinjata b'mod li żżomm id-dominanza taż-żewġ partiti l-kbar. U xi ngħidu għas-sistema Maltija dwar l-iffinanzjar tal-partiti, li m'hi xejn għajr forma ta' ħasil ta' flus li minna jibbenefikaw interessi kbar tan-negozju u politiċi.

X'qed joffru l-PN u l-PL ?

Il-Gvern Nazzjonalista jidher li mhux popolari, iżda b'xi mod jew ieħor kemm il-darba jirnexxilu jippreżenta lilu nnifsu bħala forza maqgħuda, kemm fost il-parlamentari kif ukoll fost il-votanti tiegħu. Fil-fatt, kemm il-darba, Nazzjonalisti diżillużi ma jivvutawx f'elezzjonijiet Ewropej jew lokali sabiex jagħtu messaġġ lill-partit tagħhom fil-ħin qabel l-elezzjoni ġenerali. Jew inkella jivvutaw għal kandidat 'ribell' fi ħdan l-istess partit.

Id-direzzjoni politika addottata mill-PN tgħaqqad valuri tradizzjonali ma' prattici konsumeristiċi, appoġġ lin-negozjanti l-kbar u fl-istess ħin iżżom forom ta' ħarsien socjali. Ma naqbilx ma' din id-direzzjoni, iżda nirrikonoxxi li b'dan il-mod, il-PN s'issa irnexxielu jibni struttura ta' poter eġemonika ibbażata fuq l-artikolazzjoni ta' l-identitajiet kattoliċi u konsumeristiċi. B'hekk il-PN rebaħ appoġġ minn votanti ta' klassijiet u gruppi soċjali differenti.

Ovjament, din iġġib magħha kontradizzjonijiet li ta' spiss jikkaratterrizzaw lill-partiti Demo-kristjani. Bħal pendulu, l-politika Nazzjonalista ixxeqleb minn waħda favur suq soċjali għal waħda neo-liberali.

Fl-aħħar snin, il-liberalizazzjoni, privatizazzjoni u żvilupp bla rażan ta' l-art ħallew impatti soċjali u ekoloġiċi f'pajjiżna.

Il-Partit Nazzjonalista jista' jerġa' jirbaħ l-elezzjoni li jmiss jekk tirkupra l-ekonomija. Iżda jekk ikun fil-Gvern waħdu wara l-elezzjoni ġenerali li jmiss, nistgħu nanticipaw iktar arroganza, sfreġju ambjentli, politika konfessjonali u nuqqas ta' drittijiet ċivili u soċjali.

Il-Partit Laburista m'huwiex aħjar. Bid-difetti kollha tat-tmexxija ta' Alfred Sant, il-mexxej preċedenti tal-PL irnexxilu jagħmel ċertu tibdi bħal meta naddaf il-partit mill-elementi vjolenti kif ukoll meta ipproġetta l-idea tac-ċittadin meritokratiku. Iżda taħt Sant il-PL għamel froġa fil-kampanja dwar sħubija fl-Unjoni Ewropea u fil-immaniġġar ta' kunflitti interni. Il-proġett ta' Sant kien diġá riesaq lejn it-tmiem tiegħu fl-1998 meta ħarġu fil-beraħ il-problemi ta' politika li tipprova tingħoġob ma' kulħadd.

Taħt Joseph Muscat, jidher li l-PL reġa' mar lura għall-istrateġiji tal-1996 – jiġifieri li jipprova jingħoġob ma' kulħadd. Iżda kif qal tajjeb Peter Mayo f'diskussjoni riċenti dwar Gramsci, il-PL jista' jkun li qed jaddotta t-triq ta' 'alleanzi mhux f'posthom'.

Nemmen li l-istrateġiji Laburisti ser iwasslu għall-problemi kbar jekk il-PL jirbaħ l-elezzjoni ġenerali li jmiss u jkun fil-Gvern waħdu.

X'ser jagħmel il-PL dwar il-wegħdiet kemm lill-kaċċaturi, nassaba kif ukoll lill-ambjentalisti? Kif ser jipproċedi l-PL bil-popoliżmu ambjentali li qed jipproġetta, meta l-istess partit ser ikollu quddiemu żviluppaturi kbar li qatt ma jikkritika?

Kif ser jintroduċi d-divorzju l-PL meta jaf li 'free vote' ser iwassal għal riżultat negattiv? Kif ser jintroduċi d-drittijiet tal-LGBT (omosesswali, bi-sesswali u trans-sesswali) meta jilqa' fi ħdanu ultra-konservattivi li jagħmlu mistoqsijiet parlamentari tal-mistħija?

Kif ser jiffinanzja s-servizzi pubbliċi meta qed jitkellem favur tnaqqis tat-taxxi? Kif ser jirrikonċilja l-ġustizzja soċjali mar-retorika li jissospendi l-Konvenzjoni ta' Ġinevra f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-immigrazzjoni llegali.

Fil-qosor, kif jista' jirrikonċilja l-identitá 'moderata' ma' dik 'progressiva'?

Partit jista' jirbaħ elezzjoni, iżda b'daqshekk ma jfissirx li bilfors ser iġib bidla soċjali progressiva.

Iżda fl-aħħar mill-aħħar f'Malta hemm massa kritika ta' votanti u kostitwenzi politiċi li verament iridu bidliet soċjali progressivi? Jew f'Malta l-iktar valur b'saħħtu hu dak fejn wieħed jimpurtah l-iktar minn x'jiġri mill-bieb tiegħu il-ġewwa, bħal ma kien iddeskriva sew Jeremy Boissevain?

U l-pubbliku qed jingħata li jrid, jew irid dak li qiegħed jingħata, speċjalment f'sistema fejn id-duopolju taż-żewġ partiti l-kbar qed tikkontrolla ħafna mill-isfera pubblika? Nistgħu nibqgħu naċċettaw dan l-istaġnar politiku?